Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

10 ta' Lulju, 2012

ATT Nru. XII tal-2012

ATT biex jawtorizza l-parteċipazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea u biex jagħti għajnuna għal stabbilità finanzjarja billi jinħarġu strumenti finanzjarji jew billi tidħol fi ftehim finanzjarji jew ta' tip ieħor jew arranġamenti ma' Membri tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea, istituzzjonijiet finanzjarji jew Partijiet Oħra.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2012 dwar il-Parteċipazzjoni u l-Għoti ta' Appoġġ għall-Istabbiltà Finanzjarja skont il-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"il-Faċilità għall-Istabbiltà Finanzjarja Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-l-Att dwar il-Parteċipazzjoni u Garanziji taħt il-Faċilità għall-Istabbiltà Finanzjarja Ewropea; Kap. 505.

"Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja" tfisser l-ghajnuna finanzjarja mogħtija lil Stati Membri li jinsabu f'diffikultajiet jew huma mhedda minn diffikultajiet kbar ekonomiċi jew finanzjarji skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru. 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja;

"Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità" tfisser il-mekkaniżmu permanenti ta' stabbilità, stabbilit mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2010 biex jassumi l-kompiti mwettqa mill-Faċilità għall-Istabbiltà Finanzjarja Ewropea u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja biex jipprovdi, fejn ikun meħtieġ, għajnuna finanzjarja lill-Membri tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità, skont id-deċiżjoni annessa bħala l-Iskeda 1 u li għandu jieħu l-għamla ta' organizzazzjoni intergovernattiva taħt id-dritt internazzjonali pubbliku, li għandu jkollha s-sede tagħha fil-Lussemburgu, kif stabbilit b'deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, liema deċiżjoni hi annessa bħala l-Iskeda 2;

"Malta" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Membri tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea taż-Żona Euro u kull Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li jkun issieħeb mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità wara l-adozzjoni, min-naħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tad-deċiżjoni biex tiġi abrogata d-deroga tieħu milli jiġi adottat l-euro skont l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jew ir-rappreżentant tiegħu delegat bil-miktub biex jwettaq xi waħda, jew aktar, mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att;

"appoġġ għall-Istabbilità" tfisser l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità, kif implementat mill-Bord tad-Diretturi tal-istess Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità, lil Membru tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità għall-għan tas-subartikolu (2) tal-artikolu 3 ta' dan l-Att, permezz ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja fil-forma ta' linja ta' kreditu kondizzjonata prekawzjonarja jew fil-forma ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet rinforzati, self, self lil Membru tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità bil-għan speċifiku tar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità, ix-xiri ta' *bonds* fis-suq primarju bil-għan li jkabbar kemm jista' jkun l-effiċjenza, fir-rigward tal-kostijiet, tal-assistenza finanzjarja;

"it-Trattat" tfisser it-trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja, kif approvat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, iffirmat fit-2 ta' Frar 2012, anness bħala l-Isleda 3.

Awtorita għall-parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta għandu jipparteċipa fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità bħala azzjonist fil-kapital azzjonarju awtorizzat, Gvernatur u sostitut Gvernatur fi ħdan il-Bord tal-Gvernaturi, u bħala Direttur u sostitut Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi, skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, kif dan jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, għall-għanijiet identifikati taħt is-subartikolu (2).

(2) Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità għandu jipprovdi appoġġ ta' stabbilità taħt kondizzjonijiet stretti, xierqa skont l-istrument ta' għajnuna finanzjarja magħżul, lil Membru tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità li jkun għaddej minn jew ikun mhedded minn diffikultajiet finanzjarji kbar, liema appoġġ hu indispensabbli sabiex tiġi salvagwardata l-istabbilità finanzjarja taż-żona euro kollha hemm hi kif ukoll dik tal-Istati Membri tagħha.*

Ratifika tat-Trattat.

4. Il-Gvern ta' Malta hu b'dan awtorizzat li jirratifika t-Trattat waqt li jiddepożita ittra datata 3 ta' Lulju 2012 maħruġa mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea annessa bħala Skeda 4 li fiha jistqarr l-intendiment tiegħu li fejn it-Trattat jirreferi għall-istabbiltà finanzjarja taż-Żona tal-Ewro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha, dan għandu jiġi interpretat li jfisser kemm iż-Żona tal-Ewro kollha kemm hi jew wieħed mill-Istati Membri, meħud għalih waħdu, hu x'inhu d-daqs tiegħu.

Għoti ta' għajnuna għal stabbilità finanzjarja lil hinn mill-Artikolu 3.

5. Kull parteċipazzjoni u għajnuna għal stabbilità mogħtija mill-Gvern ta' Malta lil hinn mill-għan speċifikat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 3, jistgħu jsiru biss b'dak il-mod u għal dak il-għan li l-Kamra tad-Deputati tista' tiddeċiedi b'riżoluzzjoni.

Ordinamenti.

6. (1) Il-Ministru jista' jipparteċipa fil-formulazzjoni ta' Ordinamenti għall-aħjar twettieq tal-obbligi skont it-Trattat.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jimplimenta l-Ordinamenti adottati mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità taħt

* Art. 12: Prinċipji

it-Trattat.

Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

7. Il-persuni appuntati, jew nominati mill-Gvern ta' Malta sabiex jirrappreżentawh fuq l-organi governattivi u amministrattivi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għandhom jidhru mill-anqas darba fis-sena, preferribilment fix-xahar ta' Marzu, quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jew quddiem kumitat ieħor tal-Kamra tad-Deputati li jista' jkun minn żmien għal żmien inkarigat mill-iskrutinju ekonomiku u finanzjarju tal-Gvern biex jingħata rendikont tal-operat ta' dak il-Mekkaniżmu u tal-Faċilità għall-Istabbiltà Finanzjarja Ewropea safejn dan ikun konformi mad-dmirijiet tagħhom u tal-obbligi f'Malta.

SKEDA 1

Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta’ Diċembru 2010

(Artikolu 2)

Matul il-kriżi, ħadna azzjoni deeiżiva sabiex tiġi preservata l-istabbiltà finanzjarja u jiġi promoss ir-ritorn għal tkabbir sostenibbli. Aħna ser inkomplu nagħmlu dan u l-UE u ż-żona tal-euro ser joħorġu mill-kriżi aktar b'saħħithom.

Il-prospetti tat-tkabbir qegħdin jissaħħu u l-elementi fundamentali tal-ekonomija Ewropea huma sodi. L-għodod temporanji ta’ stabbiltà stabbiliti aktar kmieni din is-sena taw prova tal-utilità tagħhom, iżda l-kriżi wriet li ma jista’ jkun hemm l-ebda kompjaċenza. Huwa għalhekk li llum qbilna dwar it-test ta’ emenda limitata għat-Trattat dwar l-istabbiliment ta’ mekkaniżmu permanenti futur għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2013. Tennejna wkoll l-impenn tagħna li nilħqu qbil dwar il-proposti leġislattivi dwar governanza ekonomika sal-aħħar ta’ Ġunju 2011 bl-għan li jissaħħaħ il-pilastru ekonomiku tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u li tkompli tiġi implimentata l-istrateġija Ewropa 2020.

I. POLITIKA EKONOMIKA

1. Il-Kunsill Ewropew laqa’ r-rapport ippreżentat mill-President tiegħu b’segwitu għall-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 u d-29 ta’ Ottubru 2010. Huwa qabel li t-Trattat għandu jiġi emendat sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti mill-Istati Membri taż-żona tal-euro sabiex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha (Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà). Dan il-mekkaniżmu ser jissostitwixxi l-Faċilità Ewropea ta’ Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), li ser jibqgħu fis-seħħ sa Ġunju 2013. Peress li dan il-mekkaniżmu huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, il-Kunsill Ewropew qabel li l-Artikolu 122(2) TFUE mhux ser ikun aktar meħtieġ għal finijiet bħal dawn. Għalhekk il-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern qablu li m’għandux jintuża għal finijiet bħal dawn.

2. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar it-test tal-abbozz ta’ Deeiżjoni li temenda t-TFUE li jinsab fl-Anness I. Huwa ddeeieda li jniedi immedjatament il-proċedura ta’ reviżjoni simplifikata prevista fl-Artikolu 48(6) TUE. Il-konsultazzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati għandha tiġi konkluża kmieni biżżejjed biex tkun tista’ ssir l-adozzjoni formali tad-Deċiżjoni f’Marzu 2011, jintemmu l-proċeduri ta’ approvazzjoni nazzjonali sal-aħħar tal-2012, u d-dħul fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2013.

3. Il-Kunsill Ewropew għamel appell ukoll lill-Ministri tal-Finanzi taż-żona tal-euro u lill-Kummissjoni biex jiffinalizzaw il-ħidma dwar l-arranġament intergovernattiv li jistabbilixxi l-mekkaniżmu futur sa Marzu 2011, bl-

integrazzjoni tal-karatteristiċi ġenerali li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-28 ta' Novembru 2010, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew (Anness II). Il-mekkaniżmu ser ikun attivat permezz ta' ftehim reċiproku tal-Istati Membri taż-żona tal-euro fil-każ ta' riskju għall-istabbilità taż-żona tal-euro kollha.

4. L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro ser jiġu involuti f'din il-ħidma, jekk ikunu jixtiequ. Huma jistgħu jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-operazzjonijiet imwettqa mill-mekkaniżmu fuq bażi *ad hoc*.

5. Il-Kunsill Ewropew għamel appell għall-aċċelerazzjoni tal-ħidma fuq is-sitt proposti leġislattivi dwar il-governanza ekonomika, filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tat-*Task Force* li ġew approvati f'Ottubru li għadda u jinżamm livell għoli ta' ambizzjoni, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati sa Ġunju 2011. Huwa laqa' r-rapport tal-Kunsill dwar it-trattament tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għamel appell biex ir-rapport ikun rifless fl-ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-PST riformat.

6. Filwaqt li fakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2010, il-Kunsill Ewropew stenna b'interess l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti għall-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid sa Ġunju 2011 u stieden lill-istituzzjonijiet biex jikkooperaw sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tiegħu mingħajr dewmien.

7. L-istrateġija l-ġdida Ewropa 2020 għall-impjiegi u t-tkabbir ser tkompli tiggwida lill-Unjoni u lill-Istati Membri fir-reazzjoni tagħhom għall-kriżi u fil-promozzjoni tat-twettiq tar-riformi strutturali. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress miksub mit-tnedija tal-istrateġija, kif jidher fir-rapport ippreżentat mill-Presidenza.

8. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-Dikjarazzjoni mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u l-istituzzjonijiet tal-UE (Anness III).

II. KWISTJONIJIET OĦRA

9. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-ewwel rapport ta' progress ippreżentat mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mas-sħab strateġiċi tagħha. Abbażi ta' dan, il-Kunsill Ewropew stieden lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Kunsill Affarijiet Barranin, biex tmexxi din il-ħidma 'l quddiem f'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu ta' Settembru 2010, bl-istabbiliment ta' interessi Ewropej komuni u l-identifikazzjoni tal-mezzi kollha possibbli biex dawn jinkisbu. Il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tal-progress darba f'sena u, fejn meħtieġ, jistabbilixxi orjentazzjonijiet. It-tnedija tas-SEAE u r-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu jipprovdu opportunità tajba biex din il-ħidma tissaħħaħ.

10. Il-Kunsill Ewropew approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar it-tkabbir u qabel li jagħti lill-Montenegro l-istatus ta' pajjiż kandidat.

11. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-atti ta' vjolenza mwettqa mit-tieni ċiklu 'l hawn tal-elezzjoni presidenzjali fil-Cote d'Ivoire, b'mod partikolari r-rikors għall-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-16 ta' Diċembru. Huwa għamel appell b'saħħtu lill-partiti kollha biex jaġixxu b'kawtela. Huwa fakkar fid-disponibbiltà espressa mill-Qorti Kriminali Internazzjonali għal prosekuzzjoni ta' persuni responsabbli għal atti bħal dawn. Huwa għamel appell lill-mexxejja Ivorjani, kemm ċivili kif ukoll militari, biex jissottomettu ruħhom għall-awtorità tal-President elett b'mod demokratiku, is-Sur Alassan Ouattara, jekk għadhom ma għamlux dan. Huwa kkonferma d-determinazzjoni tal-UE li tieħu miżuri ristrettivi mmirati kontra dawk il-persuni li jkomplu jostakolaw ir-rispett tar-rieda sovrana espressa mill-poplu Ivorjan.

12. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-eżitu b'suċċess tas-COP-16 f'Cancun bħala pass importanti 'l quddiem fi sforzi globali biex jintlaħaq l-objettiv maqbul li wieħed jibqa' taħt iż-żieda ta' 2°C fit-temperaturi globali, u nnota b'sodisfazzjoni l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija li dwarha kien hemm qbil f'Marzu.

A 272

ANNESS I

ABBOZZ TA’ DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW
ta’ .....
li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta’ mekkaniżmu ta’ stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 48(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta għar-reviżjoni tal-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [ippreżentata lill-Kunsill Ewropew mill-Gvern Belġjan fis-16/17 ta’ Diċembru 2010],

[Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,[1]]

[Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,[2]]

[Wara li kiseb l-opinjoni tal-Bank eentrali Ewropew,[3]]

---

[1] Opinjoni ta’ … (għadha mhux ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Opinjoni ta’ … (għadha mhux ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali).

3 Opinjoni ta’ … (għadha mhux ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) L-Artikolu 48(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jippermetti lill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, u f'ċerti każijiet, mal-Bank Ċentrali Ewropew, li jadotta deċiżjoni li temenda b'mod sħiħ jew parzjali d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Deċiżjoni bħal din ma tistax iżżid il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati u d-dħul fis-seħħ tagħha jiddependi mill-approvazzjoni sussegwenti tal-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

(2) Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ottubru 2010, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu dwar il-ħtieġa għall-Istati Membri li jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha u stiednu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex iwettaq konsultazzjonijiet mal-membri tal-Kunsill Ewropew dwar bidla limitata fit-trattat meħtieġa għal dan l-għan.

(3) Fis-16/17 ta' Diċembru 2010, il-Gvern Belġjan ippreżenta, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(6) TUE, proposta għal reviżjoni tal-Artikolu 136 TFUE biż-żieda ta' paragrafu skont liema l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha, filwaqt li ddikjara li l-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta. Fl-istess waqt, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet dwar il-mekkaniżmu futur ta' stabbiltà (paragrafi 1 sa 4).

(4) Il-mekkaniżmu ta' stabbiltà ser jipprovdi l-għodda meħtieġa biex jiġu ttrattati tali każijiet ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha li kien hemm esperjenza tagħhom fl-2010, u għalhekk jgħinu biex tiġi ppreservata l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni Ewropea nnifisha. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel li, peress li dan il-mekkaniżmu huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, l-Artikolu 122(2) TFUE mhux ser jibqa' meħtieġ għal tali finijiet. Għalhekk il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li m'għandux jintuża għal finijiet bħal dawn.

(5) Fis-16/17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jikkonsulta, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(6) tat-TUE, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni, dwar il-proposta. Huwa iddeċieda wkoll li jikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.. [Fi […dati…], il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew, rispettivament, adottaw opinjonijiet dwar il-proposta.]

(6) L-emenda tikkonċerna dispożizzjoni li tinsab fit-Tielet Parti tat-TFUE u

ma żżidx il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

"3. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill mingħajr dewmien bit-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, dment li n-notifiki kollha msemmija fl-ewwel paragrafu jkunu ġew irċevuti, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tax-xahar wara li tkun waslet l-aħħar waħda min-notifiki msemmija fl-ewwel paragrafu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

ANNESS II

KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-MEKKANIŻMU FUTUR

DIKJARAZZJONI MILL-GRUPP TAL-EURO TAT-28 TA' NOVEMBRU 2010

"L-avvenimenti reċenti wrew li diffikultà finanzjarja fi Stat Membru wieħed malajr tista' thedded l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-UE kollha permezz ta' diversi kanali ta' kontaġju. Dan huwa partikolarment minnu għaż-żona tal-euro fejn l-ekonomiji, u s-setturi finanzjarji b'mod partikolari, huma marbutin mill-qrib.

Matul il-kriżi attwali, l-Istati Membri taż-żona tal-euro wrew id-determinazzjoni tagħhom li jieħdu azzjoni deċiżiva u kkoordinata sabiex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro kollha, jekk ikun hemm bżonn, u jreġġgħu t-tkabbir lura fuq triq sostenibbli.

Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), b'mod partikolari, ġiet stabbilita biex tipprovdi assistenza rapida u effettiva ta' likwidità, flimkien mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u l-Fond Monetarju Internazzjonali, u abbażi ta' programmi stretti ta' aġġustamenti ta' politika ekonomika u fiskali li għandhom jiġu implimentati mill-Istat Membru affettwat u li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn.

Fit-28 u d-29 ta' Ottubru l-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet biex tkun salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha.

Il-Ministri tal-Grupp tal-Euro qablu li dan il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilta (MES) ser ikun ibbażat fuq il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja li kapaċi tipprovdi pakketti ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro skont kriterji stretti ta' kondizzjonalità f'konformità mar-regoli tal-EFSF attwali.

L-MES ser jikkomplementa l-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika msaħħa, li għandu bħala għan sorveljanza ekonomika effettiva u rigoruża, li ser tiffoka fuq il-prevenzjoni u ser tnaqqas b'mod sostanzjali l-probabbiltà li tqum kriżi fil-futur.

Ir-regoli ser ikunu adattati sabiex jipprovdu parteċipazzjoni każ b'każ tal-krediturі tas-settur privat, b'mod kompletament konsistenti mal-linji ta' politika tal-FMI. Fil-każijiet kollha, sabiex ikunu protetti l-flus ta' min iħallas it-taxxi, u biex jintbagħat sinjal ċar lill-krediturі privati li l-pretensjonijiet tagħhom huma subordinati għal dawk tas-settur uffiċjali, is-self tal-MES ser igawdi status ta' kreditur ippreferut, inferjuri biss għas-self tal-FMI.

L-assistenza provduta lil Stat Membru taż-żona tal-euro ser tkun ibbażata fuq programm strett ta' aġġustament ekonomiku u fiskali u fuq analiżi rigoruża tas-

sostenibbiltà tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea u l-FMI, flimkien mal-BĊE.

Abbażi ta' dan, il-Ministri tal-Grupp tal-Euro ser jieħdu deċiżjoni unanima dwar l-għoti ta' assistenza.

Għall-pajjiżi meqjusin bħala solventi, abbażi tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni u mill-FMI, flimkien mal-BĊE, il-krediturі tas-settur privat jiġu mħeġġa jżommu l-espożizzjoni tagħhom skont ir-regoli internazzjonali u f'konformità sħiħa mal-prattiki tal-FMI. Fil-każ mhux mistenni li pajjiż jidher li huwa insolventi, l-Istat Membru għandu jinnegozja pjan komprensiv ta' ristrutturar mal-krediturі tas-settur privat tiegħu, f'konformità mal-prattiki tal-FMI bil-ħsieb li s-sostenibbiltà tad-dejn tiġi restawrata. Jekk is-sostenibbiltà tad-dejn tista' tintlaħaq permezz ta' dawn il-miżuri, l-MES jista' jipprovdi assistenza ta' likwidità.

Sabiex dan il-proeess jiġi ffaċilitat, ser jiġu inklużi klawsoli ta' azzjoni kollettiva (CACs) standardizzati u identiċi b'tali mod li l-likwidità tas-suq tiġi preservata, skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-*bonds* tal-gvern il-ġodda kollha taż-żona tal-euro, li jibdew f'Ġunju 2013. Dawk is-CACs ikunu konsistenti ma' dawk komuni taħt il-liġi tar-Renju Unit u l-Istati Uniti wara r-rapport tal-G10 dwar is-CACs, inklużi klawsoli ta' aggregazzjoni li jippermettu li t-titoli tad-dejn kollha maħruġa minn Stat Membru jitqiesu flimkien fin-negozjati. Dan jippermetti lill-krediturі biex jieħdu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata waqt li jaqblu dwar bidla legalment vinkolanti fit-termini tal-pagament (moratorju, estensjoni tal-maturità, tnaqqis fir-rata tal-interessi u/jew *haircut* (telf impost)) fil-każ li d-debitur ma jkunx jista' jħallas.

L-Istati Membri ser jistinkaw biex itawlu l-maturità tal-ħruġ tal-*bonds* il-ġodda tagħhom fil-perijodu medju sabiex jevitaw il-perijodi ta' konċentrazzjoni għolja ta' rifinanzjament.

L-effettività ġenerali ta' dan il-qafas ser tiġi evalwata fl-2016 mill-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE.

Aħna niddikjaraw mill-ġdid li kwalunkwe involviment mis-settur privat ibbażat fuq dawn it-termini u l-kondizzjonijiet ma jkunx effettiv qabel nofs l-2013.

Il-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy indika li l-proposta tiegħu dwar bidla limitata għat-trattat li ser jippreżenta lill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa li jmiss tiegħu, ser tirrifletti d-deċiżjoni tal-lum."

ANNESS III

DIKJARAZZJONI MILL-KAPIJIET TA' STAT JEW TA' GVERN TAŻ-ŻONA TAL-EURO U L-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u l-istituzzjonijiet tal-UE għamluha ċara, kif jidher hawn taħt, li huma jinsabu lesti biex jagħmlu dak kollu li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha. L-euro huwa u ser jibqa' parti ċentrali tal-integrazzjoni Ewropea. B'mod partikolari, il-Kapijiet għamlu appell għal azzjoni determinata fl-oqsma li ġejjin:

a) **L-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi eżistenti**: aħna nilqgħu l-progress impressjonanti li sar fl-implimentazzjoni tal-programm Grieg u l-programm ta' aġġustament maqbul għall-Irlanda, inkluża l-adozzjoni tal-baġit 2011.

b) **Iż-żamma ta' responsabbiltà fiskali**: aħna lkoll impenjati biex nimplimentaw strettament ir-rakkomandazzjonijiet tal-politika baġitarja, filwaqt li nirrispettaw bis-sħiħ il-miri fiskali għall-2010 u l-2011, u biex nikkoreġu l-iżbilanċi eċċessivi fl-iskadenzi maqbula.

c) **Iż-żieda tat-tkabbir li jsaħħaħ ir-riformi strutturali**: aħna determinati biex naċċeleraw ir-riformi strutturali biex insaħħu t-tkabbir.

d) **It-tisħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-implimentazzjoni ta' qafas ġdid ta' makrosorveljanza** mis-sajf 2011.

e) **L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' appoġġ finanzjarju adegwat permezz tal-EFSF sakemm jidħol fis-seħħ il-mekkaniżmu permanenti**: aħna ninnutaw li ġie allokat biss ammont limitat ħafna mill-EFSF b'appoġġ għall-programm Irlandiż.

f) **Aktar tisħiħ tas-sistema finanzjarja** kemm fir-rigward tal-qafas regolatorju u dak superviżorju kif ukoll fit-twettiq ta' testijiet ġodda dwar l-istress fis-settur bankarju.

g) **L-espressjoni ta' appoġġ sħiħ għall-azzjoni tal-BĊE**: aħna nappoġġaw lill-BĊE fir-responsabbiltà indipendenti tiegħu biex jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet, biex jiġu ankrati b'mod solidu l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni u b'hekk isir kontribut għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro. Aħna ninsabu impenjati biex niżguraw l-indipendenza finanzjarja tal-banek ċentrali tal-Eurosistema.

Fix-xhur li ġejjin l-elementi ta' din l-istrateġija ser jiġu żviluppati aktar bħala reazzjoni komprensiva għal kull sfida, bħala parti mill-governanza ekonomika ġdida tagħna.

A 278

SKEDA 2

Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta’ Marzu 2011

(Artikolu 2)

Matul ix-xhur reċenti, l-Ewropa għaddiet minn kriżi finanzjarja serja. Minkejja li l-irkupru ekonomiku fl-Ewropa issa qiegħed fit-triq it-tajba, ir-riskji jibqgħu u aħna għandna nkomplu l-azzjoni determinata tagħna. Illum adottajna pakkett komprensiv ta’ miżuri li għandu jippermettilna nħallu warajna l-kriżi finanzjarja u nkomplu fi triqitna lejn tkabbir sostenibbli. Dan il-pakkett ser isaħħaħ il-governanza ekonomika tal-Unjoni Ewropea u jiżgura l-istabbiltà dejjiema taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Aħna qbilna wkoll dwar azzjoni robusta fil-livell tal-UE biex jiġi stimulat it-tkabbir billi jissaħħaħ is-Suq Uniku, jitnaqqas il-piż ġenerali tar-regolazzjoni u jiġi promoss il-kummerċ ma’ pajjiżi terzi. Iddiskutejna s-sitwazzjoni gravi fil-Libja, filwaqt li esprimejna s-sodisfazzjon tagħna wara l-adozzjoni ta’ UNSCR 1973 u ssottolinjajna d-determinazzjoni tagħna li nikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħha. Fir-rigward tal-Viċinat tan-Nofsinhar, tennejna d-determinazzjoni tagħna li niżviluppaw sħubija ġdida mar-reġjun u appellajna għal implimentazzjoni rapida tal-orjentazzjonijiet stabbiliti fil-11 ta’ Marzu 2011; qbilna dwar l-ewwel passi konkreti biex nappoġġaw il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar f’terminu qasir. Finalment, iddiskutejna t-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-avvenimenti li seħħew fil-Ġappun, b’mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà nukleari.

I. POLITIKA EKONOMIKA

1. Il-Kunsill Ewropew illum adotta pakkett komprensiv ta’ miżuri li jwieġbu għall-kriżi, jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja u jwittu t-triq għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli, soċjalment inklużiv u li joħloq l-impjiegi. Dan ser isaħħaħ il-governanza ekonomika u l-kompetittività taż-żona tal-euro u tal-Unjoni Ewropea.

L-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew: Ewropa 2020, konsolidament fiskali u riforma strutturali

2. Fil-qafas il-ġdid tas-semestru Ewropew, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għal konsolidament fiskali u riforma strutturali.* Huwa enfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lir-risanament baġitarju u s-sostenibbiltà fiskali, it-tnaqqis tal-qgħad permezz ta’ riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jissaħħaħ it-tkabbir. L-Istati Membri kollha ser jibdlu dawn il-prijoritajiet f’miżuri konkreti li għandhom jiġu inklużi fil-Programmi ta’ Stabbiltà jew Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta’ Riforma tagħhom. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-proposti tagħha għal opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f’ħin debitu għall-adozzjoni tagħhom qabel il-Kunsill Ewropew ta’

*F’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta’ Frar u s-7 ta’ Marzu 2011 u b’segwitu għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni. Ara wkoll ir-rapport sintesi tal-Presidenza tas-16 ta’ Marzu 2011.

Ġunju.

3. B'mod partikolari, l-Istati Membri ser jippreżentaw pjani ta' konsolidament pluriennali li jinkludi miri speċifiei dwar id-defiċit, id-dħul u l-infiq, l-istrateġija maħsuba biex jintlaħqu dawn il-miri u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-linji politiċi fiskali għall-2012 għandhom jimmiraw sabiex tingħata mill-ġdid il-fiduċja billi x-xejriet tad-dejn jinġiebu lura għal fuq triq sostenibbli u billi jiġi żgurat li d-defiċits jerġgħu jitniżżlu għal inqas minn 3% tal-PDG fl-iskeda ta' żmien miftiehma mill-Kunsill. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan jeħtieġ aġġustament strutturali annwali ta' ferm aktar minn 0,5% tal-PDG. Fl-Istati Membri li qed jiffaċċjaw defiċits strutturali kbar ħafna jew livelli ta' dejn pubbliku għoljin ħafna jew li qed jogħlew b'rata mgħaġġla, il-konsolidament għandu jingħata prijorità.

4. L-isforzi għal konsolidament fiskali għandhom jitwettqu flimkien ma' riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenfasizzaw l-impenn tagħhom lejn l-Istrateġija Ewropa 2020. B'mod partikolari, huma ser jimplimentaw miżuri sabiex:

- jagħmlu x-xogħol iktar attraenti;
- jgħinu lill-persuni qiegħda biex jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol;
- jiġġieldu kontra l-faqar u jippromwovu l-inklużjoni soċjali;
- jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- jibbilanċjaw is-sikurezza u l-flessibbiltà;
- jirriformaw is-sistemi tal-pensjonijiet;
- jattiraw il-kapital privat biex jiġi ffinanzjat it-tkabbir;
- isaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni;
- u jippermettu aċċess kosteffettiv għall-enerġija u jintensifikaw linji politiċi dwar effiejenza fl-enerġija.

5. L-Istati Membri ser jistabbilixxu l-miżuri prinċipali meħtieġa għall-mixja lejn il-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 kif miftiehma f'Ġunju 2010. Huma ser jippreżentaw ukoll miżuri ta' politika biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi dannużi u persistenti u jtejbu l-kompetittività.

6. Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-linji politiċi, u sabiex tiġi żgurata appartenenza wiesgħa, ser tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u ma' istituzzjonijiet u korpi konsultattivi (KESE, KtR) oħrajn tal-UE, bl-involviment sħiħ tal-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali, ir-reġjuni u partijiet interessati oħra.

A 280

7. Is-Suq Uniku għandu rwol ewlieni fit-twassil tat-tkabbir u l-impjiegi u fil-promozzjoni tal-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-Att dwar is-Suq Uniku u jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex sal-aħħar tal-2012 jadottaw l-ewwel sett ta' miżuri prijoritarji sabiex jingħata impetu ġdid lis-Suq Uniku. Għandha ssir enfasi partikolari fuq miżuri li joħolqu tkabbir u impjiegi u li jwasslu għal riżultati tan'ġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji. Għandha ssir enfasi wkoll fuq it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali. Il-piż regolatorju ġenerali, b'mod partikolari għall-SMEs, għandu jitnaqqas kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar din il-kwistjoni sas-sajf. Il-Kunsill Ewropew laqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi modi għall-eżenzjoni tal-mikrointrapriżi minn ċerti regolamenti futuri. Abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-Servizzi", il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar is-servizzi u lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu azzjonijiet ulterjuri fejn meħtieġ biex itejbu s-suq intern għas-servizzi.

8. Id-dimensjoni esterna tas-Suq Uniku hija importanti wkoll u l-fokus għandu jkun fuq il-promozzjoni ta' kummerċ ħieles, ġust u miftuħ, b'konċentrazzjoni fuq il-konklużjoni taċ-ċiklu ta' Doha tal-WTO u l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles fl-2011 f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010. Għandha titħaffef il-ħidma, b'segwitu għar-rapport tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-prijoritajiet sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ fil-pajjiżi terzi.

It-tisħiħ tal-governanza

9. Il-pakkett ta' sitt proposti leġislattivi dwar il-governanza ekonomika huwa essenzjali biex jiggarantixxi aktar dixxiplina fiskali u biex jiġu evitati żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. Huwa jinkludi riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir immirata biex tissaħħaħ is-sorveljanza tal-linji politiċi fiskali u biex jiġu applikati miżuri ta' infurzar b'mod aktar konsistenti u fi stadju aktar bikri, dispożizzjonijiet ġodda dwar oqfsa fiskali nazzjonali u sorveljanza ġdida ta' żbilanċi makroekonomiċi.

10. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-approċċ ġenerali dwar il-proposti milħuq fil-Kunsill, li jiftaħ it-triq għal negozjati mal-Parlament Ewropew. Huwa talab sabiex il-ħidma tipproċedi bl-għan li l-proposti jiġu adottati f'Ġunju 2011.

Tingħata kwalità ġdida fil-koordinament tal-politika ekonomika: il-Patt Euro Plus

11. Il-Patt Euro Plus kif maqbul mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro flimkien mal-Bulgarija, id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija (ara l-Anness I) ser ikompli jsaħħaħ il-pilastru ekonomiku tal-UEM u jikseb kwalità ġdida fil-koordinament tal-politika ekonomika, bl-għan li titjieb il-kompetittività u b'hekk jinkiseb livell ogħla ta' konverġenza bir-riżultat

li l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna tissaħħaħ. Il-Patt jibqa' miftuħ għal Stati Membri oħrajn li jridu jingħaqdu. Il-Patt ser jirrispetta bis-sħiħ l-integrità tas-Suq Uniku.

12. L-Istati Membri li ffirmaw għall-Patt huma impenjati, fuq il-bażi tal-indikaturi u l-prinċipji li hemm fih, li jħabbru sett ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jinkisbu fit-tnax-il xahar li ġejjin. Għadd ta' Stati Membri diġà ħabbru l-ewwel impenji. L-Istati Membri kollha parteċipanti ser jippreżentaw l-impenji tagħhom malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fil-ħin biex jiddaħħlu fil-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom li għandhom jiġu ppreżentati f'April u biex jiġu vvalutati fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

Ir-risanament tas-settur bankarju

13. L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-awtoritajiet rilevanti qed iwettqu simulazzjonijiet ta' kriżi. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari li għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri nazzjonali, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew sabiex tiżdied il-konsistenza u l-kwalità tar-riżultati. Ser jiġi żgurat livell għoli ta' divulgazzjoni bankarja, inkluż dwar *holdings* ta' dejn sovran.

14. Qabel il-pubblikazzjoni tar-riżultati, l-Istati Membri ser iħejju strateġiji speeifiċi u ambizzjużi għar-ristrutturar tal-istituzzjonijiet vulnerabbli, inklużi soluzzjonijiet li jinvolvu s-settur privat (finanzjament dirett mis-suq jew bejgħ tal-assi) iżda wkoll qafas sod f'konformità mar-regoli dwar għajnuna mill-Istat għall-għoti ta' appoġġ mill-gvern f'każ ta' bżonn.

15. Kif maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2010, għandha tiġi mistħarrġa u żviluppata aktar l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji globali. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproduċi rapport dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju sa mhux aktar tard mill-ħarifa tal-2011.

It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' stabbiltà taż-żona tal-euro

16. Filwaqt li fakkar fl-importanza li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro, il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni li temenda t-TFUE fir-rigward tal-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Huwa jappella biex il-proċeduri nazzjonali ta' approvazzjoni jiġu varati malajr kemm jista' jkun bil-ħsieb li dan jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

17. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-11 ta' Marzu mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u japprova l-karatteristiċi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) (ara l-Anness II). It-tħejjija tat-trattat dwar l-MES u l-emendi għall-ftehim dwar il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà

Finanzjarja (EFSF), biex tiġi żgurata l-kapaċità ta' self tagħha ta' EUR 440 biljun, ser jiġu ffinalizzati sabiex l-iffirmar taż-żewġ ftehimiet ikun jista' jsir fl-istess ħin qabel l-aħħar ta' Ġunju 2011.

II. IL-LIBJA / IL-VIĊINAT TAN-NOFSINHAR

18. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni fil-Libja u approva l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-21 ta' Marzu. Filwaqt li fakkar fid-Dikjarazzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu, il-Kunsill Ewropew esprima s-sodisfazzjon tiegħu wara l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1973 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li tesprimi l-prinċipju tar-responsabbiltà ta' protezzjoni, u ssottolinja d-determinazzjoni tiegħu li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħha. Huwa laqa' wkoll is-*Summit* ta' Pariġi tad-19 ta' Marzu bħala kontribut deċiżiv għall-implimentazzjoni tagħha. Huwa kkundanna l-ksur kontinwu tar-Riżoluzzjonijiet 1970 u 1973 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mir-reġim Libjan, u r-repressjoni vjolenti u brutali li r-reġim qiegħed ikompli jimponi fuq iċ-ċittadini tiegħu stess. Huwa nnota li l-azzjonijiet li ttieħdu f'konformità mal-mandat mill-Kunsill tas-Sigurtà kkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u ż-żoni ppopolati minnha li kienu taħt theddid ta' attakki u għenu biex isalvaw il-ħajjiet tal-popolazzjoni ċivili. Meta l-popolazzjonijiet ċivili jkunu siguri u mhux f'periklu mit-theddida ta' attakki, u l-objettivi tal-UNSCR 1973 jkunu ntlaħqu, l-operazzjonijiet militari ser jintemmu.

Il-Kunsill Ewropew enfasizza r-rwol ewlieni tal-pajjiżi Għarab, u b'mod partikolari l-Lega Għarbija, fl-appoġġ attiv tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1973, u fis-sejbien ta' soluzzjoni politika għall-kriżi.

19. F'konformita mal-UNSCR 1973, l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Lega tal-Istati Għarab, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Afrikana, ser tintensifika l-isforzi tagħha biex issib soluzzjoni għall-kriżi li twieġeb għat-talbiet leġittimi tal-poplu Libjan. Il-Kunsill Ewropew tenna l-appell tiegħu lill-Kurunell Qadhafi biex jirrinunzja għall-poter immedjatament sabiex il-Libja tkun tista' tagħti bidu rapidu għal transizzjoni ordnata u mmexxija mil-Libjani lejn id-demokrazija permezz ta' djalogu fuq bażi wiesgħa, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-ħtieġa li jiġu żgurati s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libja. L-UE tinsab lesta li tgħin it-trawwim ta' dan id-djalogu, inkluż mal-Kunsill Nazzjonali ta' Transizzjoni, u li tgħin lil Libja ġdida kemm ekonomikament kif ukoll fil-bini tal-istituzzjonijiet ġodda tagħha, f'kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, il-Lega Għarbija, l-Unjoni Afrikana u oħrajn.

20. L-Unjoni Ewropea aġixxiet fil-pront biex timplimenta s-sanzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet 1970 u 1973 tal-KSNU, inkluża n-nomina ta' persuni u entitajiet addizzjonali fil-lista awtonoma tal-UE ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tagħti bidu u tadotta aktar sanzjonijiet, inkluż miżuri biex jiġi żgurat li d-dħul miż-żejt u l-gass ma jasalx għand ir-reġim ta' Qadhafi. L-Istati Membri ser jieħdu proposti simili quddiem il-KSNU.

21. Is-sitwazzjoni umanitarja fil-Libja u fil-fruntieri tagħha tibqa' sors ta' tħassib serju. L-UE ser tkompli tipprovdi għajnuna umanitarja lil dawk kollha milquta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji umanitarji u l-NGOs kollha involuti. L-UE intensifikat u ser tkompli bl-ippjanar tagħha dwar l-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja / protezzjoni ċivili, inkluż b'mezzi marittimi.

22. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjon it-tmexxija bla xkiel tar-referendum dwar l-emendi kostituzzjonali li sar fl-Eġittu fid-19 ta' Marzu bħala pass sinifikanti lejn sistema politika aktar demokratika u miftuħa.

23. Waqt li jinnota li s-sitwazzjoni f'kull pajjiż hija differenti, il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib kbir tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn, ikkundanna bil-qawwa ż-żieda tal-vjolenza u l-użu tal-forza kontra d-dimostranti, u ħeġġeġ lill-partijiet kollha kkonċernati biex jimpenjaw ruħhom fi djalogu sinifikattiv u kostruttiv mingħajr dewmien jew prekondizzjonijiet. Huwa approva l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-21 ta' Marzu.

24. Għandha titmexxa 'l quddiem b'mod rapidu l-ħidma għall-iżvilupp ta' sħubija ġdida fir-reġjun, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Marzu 2011. Din is-sħubija ser tkun ibbażata fuq integrazzjoni ekonomika aktar profonda, aċċess usa' għas-suq u kooperazzjoni politika aktar mill-qrib, u ser issegwi approċċ differenzjat u bbażat fuq il-prestazzjoni. Bħala l-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-pakkett tal-11 ta' Marzu, u abbażi tal-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill Ewropew jappella għal progress rapidu li għandu jsir fuq il-linji li ġejjin:

- l-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-għajnuna umanitarja tagħhom;

- programmi ta' għajnuna diġà eżistenti fil-pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar ser jiġu analizzati u ffokati mill-ġdid, fejn possibbli bi djalogu mal-pajjiżi kkoneernati;

- il-limitu massimu għall-operazzjonijiet tal-BĊI għall-pajjiżi Mediterranji li qed iwettqu riforma politika għandu jiżdied b'EUR 1 biljun, mingħajr ma jitnaqqsu l-operazzjonijiet fil-pajjiżi ġirien tal-Lvant tal-UE;

- l-azzjonisti tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERś) għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà ta' estensjoni tal-attivitajiet tal-Bank għall-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar;

- il-proposti dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien u l-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposti dwar mezzi ulterjuri għat-tisħiħ tal-kummerċ u tal-investiment barrani dirett fir-reġjun fuq perijodu ta' żmien qasir, medju u dak fit-tul.

A 284

25. Il-Kunsill Ewropew jilqa' ż-żjara reċenti tal-Presidenza u l-Kummissjoni fl-Eġittu bħala parti mill-ewwel fażi ta' konsultazzjonijiet għall-promozzjoni ta' approċċ komprensiv għall-migrazzjoni bejn il-pajjiżi tar-reġjun tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni kif ukoll dwar is-Sħubija għall-Mobbiltà sew qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

26. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ukoll il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' Pjan għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni u ta' refuġjati qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju. Għandu jintlaħaq qbil sa Ġunju 2011 dwar ir-Regolament li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Frontex. Sadanittant il-Kummissjoni ser tagħmel disponibbli riżorsi addizzjonali b'appoġġ għall-operazzjonijiet Hermes u Poseidon tal-2011 tal-aġenzija u l-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu aktar riżorsi umani u tekniċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti li juru s-solidarjetà konkreta tagħhom lill-Istati Membri li huma kkonċernati l-aktar direttament mill-movimenti migratorji u jipprovdu l-appoġġ meħtieġ hekk kif is-sitwazzjoni tevolvi.

III. IL-ĠAPPUN

27. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa lill-Ġappun hekk kif huwa jfittex li jegħleb l-isfidi li qed jiffaċċja wara t-terremot u t-tsunami li laqtuh b'konsegwenzi daqshekk traġiei.

28. Wara talba inizjali mill-gvern Ġappuniż, hija qed timmobilizza provvisti ta' sokkors għall-popolazzjoni milquta. Hija tinsab lesta biex tipprovdi aktar appoġġ jekk ikun mitlub. B'mod aktar ġenerali, l-UE hija interessata li tiżviluppa l-kooperazzjoni tagħha mal-Ġappun dwar l-għajnuna f'każ ta' diżastru.

29. L-Unjoni Ewropea tfaħħar l-azzjoni deċiżiva u fil-pront meħuda mill-awtoritajiet Ġappuniżi b'reazzjoni għall-perturbazzjoni fis-swieq finanzjarji. Hija tilqa' l-azzjoni meħuda mill-G7 fir-rigward tal-yen. Hija tinsab lesta biex tikkoopera bis-sħiħ mal-Ġappun biex jaffronta l-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji ta' dawn l-avvenimenti, inkluż fil-qafas tal-G8 u l-G20.

30. B'ħarsa lejn il-ġejjieni, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza strateġika tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Ġappun. Is-*summit* li ġej għandu jintuża biex isaħħaħ din ir-relazzjoni u jmexxi 'l quddiem l-aġenda komuni tagħna, inkluż permezz tat-tnedija potenzjali ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ ħieles fuq il-bażi li l-Ġappun huwa lest li jittratta, fost l-oħrajn, il-kwistjoni ta' ostakoli mhux tariffarji u restrizzjonijiet fuq l-akkwist pubbliku.

31. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu l-lezzjonijiet kollha minn dawn l-avvenimenti, u li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-pubbliku. Filwaqt li jfakkar li t-taħlita enerġetika hija l-kompetenza tal-Istati Membri, huwa jappella biex il-ħidma fuq dawn l-aspetti li

ġejjin titmexxa ’l quddiem bħala kwistjoni ta’ prijorità:

- is-sikurezza tal-impjanti nukleari kollha tal-UE għandha tiġi riveduta, abbażi ta’ valutazzjoni komprensiva u trasparenti tar-riskju u s-sikurezza ("simulazzjonijiet ta’ kriżi"); il-Grupp ta’ Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) u l-Kummissjoni huma mistiedna jiżviluppaw malajr kemm jista’ jkun l-ambitu u l-modalitajiet ta’ dawn is-simulazzjonijiet f’qafas ikkoordinat fid-dawl tal-lezzjonijiet meħuda mill-inċident fil-Ġappun u bl-involviment sħiħ tal-Istati Membri, filwaqt li jsir użu sħiħ tal-kompetenzi disponibbli (partikolarment mill-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent); il-valutazzjonijiet ser jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali indipendenti u permezz ta' reviżjoni bejn il-pari; l-eżitu tagħhom u kwalunkwe miżura sussegwenti meħtieġa li ser tittieħed għandhom jiġu kondiviżi mal-Kummissjoni u fl-ENSREG u għandhom isiru pubbliċi; il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta s-sejbiet inizjali sa tmiem l-2011, abbażi ta’ rapport mill-Kummissjoni;

- ovvjament, il-prijorità li tiġi żgurata s-sikurezza tal-impjanti nukleari ma tistax tieqaf fil-fruntieri tagħna; l-UE ser titlob li "simulazzjonijiet ta’ kriżi" simili jsiru fil-pajjiżi ġirien u madwar id-dinja, fir-rigward kemm tal-impjanti eżistenti kif ukoll ta’ dawk ippjanati; f’dan ir-rigward għandu jsir użu sħiħ tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

- għandhom jiġu implimentati l-ogħla *standards* għas-sikurezza nukleari u dawn għandhom jiġu mtejba kontinwament fl-UE u promossi internazzjonalment;

- il-Kummissjoni ser tirrevedi l-qafas regolatorju u legali eżistenti għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari u sa tmiem l-2011 ser tipproponi kwalunkwe titjib li jista’ jkun meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari. Id-Direttiva proposta dwar il-ġestjoni tal-kombustibbli użat u tal-iskart radjuattiv għandha tkun adottata malajr kemm jista’ jkun. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrifletti dwar kif tippromwovi s-sikurezza nukleari fil-pajjiżi tal-viċinat;

- jeħtieġ li l-konsegwenzi għad-dinja u għall-UE jiġu segwiti mill-qrib, b’attenzjoni partikolari għall-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi, b’mod partikolari fil-kuntest tal-G20.

A 286

ANNESS I

IL-PATT EURO PLUS
KOORDINAZZJONI AKTAR B'SAĦĦITHA TAL-POLITIKA EKONOMIKA GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-KONVERĠENZA

Dan il-Patt ġie maqbul mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro flimkien mal-Bulgarija, id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija sabiex jissaħħaħ il-pilastru ekonomiku tal-unjoni monetarja, tinkiseb kwalità ġdida tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, titjieb il-kompetittività, biex b'hekk jintlaħaq grad ogħla ta' konverġenza. Dan il-Patt jiffoka primarjament fuq oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali u li huma essenzjali għaż-żieda fil-kompetittività u biex jiġu evitati żbilanei dannużi. Il-kompetittività hija essenzjali biex tgħin lill-UE tikber aktar malajr u b'mod aktar sostenibbli fuq perijodu medju u fit-tul, biex tipproduċi livelli ogħla ta' dħul għaċ-ċittadini, u biex tippreserva l-mudelli soċjali tagħna. Stati Membri oħrajn huma mistiedna jipparteċipaw fuq bażi volontarja.

Dan l-isforz imġedded għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politika ekonomika għall-kompetittività u l-konverġenza jistrieħ fuq erba' regoli ta' gwida:

a. *Huwa ser isaħħaħ u jkun konformi mal-governanza ekonomika eżistenti fl-UE*, filwaqt li jipprovdi valur miżjud. Huwa ser ikun konsistenti ma' strumenti eżistenti u ser jibni fuqhom (Ewropa 2020, Semestru Ewropew, Linji Gwida Integrati, Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u qafas ġdid ta' sorveljanza makroekonomika). Huwa ser jinvolvi sforz speċjali li jmur lil hinn minn dak li diġà jeżisti u jinkludi impenji u azzjonijiet konkreti li huma aktar ambizzjużi minn dawk li diġà ġew maqbula, u akkumpanjati bi skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni. Dawn l-impenji ġodda ser jiġu sussegwentement inklużi fil-Programmi ta' Riforma u Stabbiltà Nazzjonali u jkunu soġġetti għall-qafas ta' sorveljanza regolari, bi rwol ċentrali qawwi għall-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji, u l-involviment tal-formazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill u l-Grupp tal-Euro. Il-Parlament Ewropew ser jinvolvi ruħu bis-sħiħ f'konformità mal-kompetenzi tiegħu. L-imsieħba soċjali ser ikunu involuti bis-sħiħ fil-livell tal-UE permezz tas-*Summit* Soċjali Tripartitiku.

b. Huwa ser ikun iffukat, orjentat lejn l-azzjoni u jkopri *l-oqsma prijoritarji ta' politika li huma essenzjali għall-promozzjoni tal-kompetittività u l-konverġenza*. Huwa ser jikkonċentra fuq azzjonijiet fejn il-kompetenza taqa' taħt l-Istati Membri. Fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern *ser jiġu maqbulin objettivi komuni fl-oqsma ta' politika magħżulin. L-Istati Membri parteċipanti ser isegwu dawn l-objettivi fit-taħlita ta' politika tagħhom, b'kont meħud tal-isfidi speċifiei tagħhom*.

c. *Kull sena, ser jittieħdu impenji nazzjonali konkreti minn kull Kap ta' Stat jew ta' Gvern*. Waqt li jagħmlu dan, l-Istati Membri ser jieħdu kont

tal-aħjar prattiki u jfasslu punti ta' riferiment b'kont meħud tal-pajjiżi bl-aħjar prestazzjoni, fl-Ewropa u meta mqabbla ma' sħab strateġiċi oħrajn.

L-implimentazzjoni ta' impenji u progress lejn l-objettivi ta' politika komuni ser jiġu *mmonitorjati politikament mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern* taż-żona tal-euro u l-pajjiżi parteċipanti fuq bażi annwali, abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jimpenjaw li jikkonsultaw lis-sħab tagħhom dwar kull riforma ekonomika ewlenija li jista' jkollha effetti mifruxin qabel l-adozzjoni tagħha.

d. L-Istati Membri parteċipanti huma impenjati bis-sħiħ għat-tlestija tas-Suq Uniku li huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività fl-UE u ż-żona tal-euro. Dan il-proċess ser ikun f'konformita sħiħa mat-Trattat. Il-Patt ser jirrispetta bis-sħiħ l-integrità tas-Suq Uniku.

L-għanijiet tagħna

L-Istati Membri parteċipanti jimpenjaw ruħhom li jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiksbu l-objettivi li ġejjin:

§ Il-promozzjoni tal-kompetittività

§ Il-promozzjoni tal-impjiegi

§ Jikkontribwixxu aktar għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi

§ It-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja

Kull Stat Membru parteċipanti ser jippreżenta l-miżuri speċifiċi li ser jieħu sabiex jilħaq dawn l-għanijiet. Jekk Stat Membru jista' juri li mhix meħtieġa azzjoni fuq qasam wieħed jew ieħor, m'għandux jinkludih. L-għażla tal-azzjonijiet ta' politika speċifiċi meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi komuni tibqa' r-responsabbiltà ta' kull pajjiż, iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sett ta' miżuri possibbli msemmija hawn taħt.

Impenji ta' politika konkreti u monitoraġġ

Il-progress lejn l-objettivi komuni ta' hawn fuq ser jiġu mmonitorjati politikament mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern abbażi ta' serje ta' indikaturi li jkopru l-kompetittività, l-impjiegi, is-sostenibbiltà fiskali u l-istabbiltà finanzjarja. Il-pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi kbar f'xi wieħed minn dawn l-oqsma ser jiġu identifikati u ser ikollhom jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw dawn l-isfidi f'perijodu ta' żmien speċifiku.

a. *Il-promozzjoni tal-kompetittività*

Il-progress ser jiġi vvalutat abbażi tal-iżviluppi fil-pagi u l-produttività u l-ħtiġijiet tal-aġġustament tal-kompetittività. Sabiex jiġi vvalutat jekk il-pagi

humiex qed jevolvu f'konformità mal-produttività, il-kost ta' unità lavorattiva (KUL) ser jiġi mmonitorjat matul perijodu ta' żmien, billi jsir tqabbil mal-iżvilupp f'pajjiżi oħrajn taż-żona tal-euro u fis-sħab kummerċjali komparabbli ewlenin. Għal kull pajjiż, il-KUL ser jiġi vvalutat għall-ekonomija kollha kemm hi u għal kull settur ewlieni (manifattura; servizzi; kif ukoll setturi kummerċjali u mhux kummerċjali). Żidiet kbar u sostnuti jistgħu jwasslu għall-erożjoni tal-kompetittività, speċjalment jekk titqies flimkien ma' defiċit li qed jikber tal-kont kurrenti u tnaqqis fl-ishma tas-suq għall-esportazzjonijiet. L-azzjoni biex tiżdied il-kompetittività hija meħtieġa fil-pajjiżi kollha, iżda ser tingħata attenzjoni partikolari lil dawk li qegħdin jiffaċċjaw sfidi ewlenin f'dan ir-rigward. Sabiex jiġi żgurat li t-tkabbir ikun ekwilibrat u mifrux fiż-żona kollha tal-euro, ser jiġu previsti strumenti speċifiċi u inizjattivi komuni biex tiġi promossa l-produttività fir-reġjuni li qed jaqgħu lura.

Kull pajjiż ser ikun responsabbli għall-azzjonijiet ta' politika speċifiċi li huwa jagħżel għall-promozzjoni tal-kompetittività iżda r-riformi li ġejjin ser jingħataw attenzjoni partikolari:

(i) fir-rispett tat-tradizzjonijiet nazzjonali tad-djalogu soċjali u r-relazzjonijiet industrijali, miżuri biex jiġi żgurat li l-ispejjeż jiżviluppaw f'konformità mal-produttività, bħal:

- reviżjoni tal-arranġamenti tal-iffissar tal-pagi, u, fejn meħtieġ, il-livell ta' ċentralizzazzjoni fil-proċess tan-negozjar, u l-mekkaniżmi ta' indiċjar, filwaqt li tinżamm l-awtonomija tal-imsieħba soċjali fil-proċess ta' negozjar kollettiv;

- jiġi żgurat li l-ftehimiet dwar il-pagi fis-settur pubbliku jappoġġaw l-isforzi ta' kompetittività fis-settur privat (b'kont meħud tal-effett importanti ta' sinjalazzjoni tal-pagi fis-settur pubbliku).

(ii) miżuri biex tiżdied il-produttività, bħal:

- ftuħ ulterjuri ta' setturi protetti b'miżuri meħuda fil-livell nazzjonali biex jitneħħew restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq servizzi professjonali u s-settur tal-bejgħ bl-imnut, biex jitrawmu l-kompetizzjoni u l-effiċjenza, b'rispett sħiħ għall-*acquis* Komunitarju;

- sforzi speċifiċi biex jittejbu s-sistemi ta' edukazzjoni u jiġu promossi r-R&Ż, l-innovazzjoni u l-infrastruttura;

- miżuri biex jiġi promoss l-ambjent tan-negozju, partikolarment għall-SMEs, b'mod partikolari billi titneħħa l-burokrazija u jittejjeb il-qafas regolatorju (eż. liġijiet dwar il-fallimenti, kodiċi kummerċjali).

b. *Il-promozzjoni tal-impjiegi*

Suq tax-xogħol li jiffunzjona sew huwa essenzjali għall-kompetittivita taż-żona tal-euro. Il-progress ser jiġi vvalutat abbażi tal-indikaturi li ġejjin: rati ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ, u rati ta' parteċipazzjoni fix-xogħol.

Kull pajjiż ser ikun responsabbli għall-azzjonijiet speċifiċi ta' politika li huwa jagħżel għall-promozzjoni tal-impjiegi, iżda r-riformi li ġejjin ser jingħataw attenzjoni partikolari:

- riformi fis-suq tax-xogħol għall-promozzjoni tal-"flessigurtà", għat-tnaqqis tax-xogħol mhux iddikjarat u għaż-żieda tal-parteċipazzjoni fix-xogħol;

- it-tagħlim tul il-ħajja;

- riformi fiskali, bħat-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol sabiex ix-xogħol ikun finanzjarjament attraenti filwaqt li jiġi ppreservat id-dħul fiskali ġenerali, u t-teħid ta' miżuri li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' dawk li huma t-tieni sors ta' dħul fid-dinja tax-xogħol.

c. It-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, ser tingħata l-akbar attenzjoni lil:

§ Is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-benefiċċji soċjali

Dan ser jiġi vvalutat partikolarment abbażi tal-indikaturi tad-differenza fis-sostenibbiltà*. Dawn l-indikaturi jqisu jekk il-livelli tad-dejn humiex sostenibbli abbażi ta' linji ta' politika attwali, b'mod partikolari skemi ta' pensjonijiet, kura tas-saħħa u sistemi ta' benefiċċji, u b'kont meħud ta' fatturi demografiċi.

Ir-riformi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji soċjali jistgħu jinkludu:

- l-allinjament tas-sistema tal-pensjonijiet mas-sitwazzjoni demografika nazzjonali, pereżempju permezz tal-allinjament tal-età effettiva tal-irtirar mal-aspettattiva tal-għomor jew permezz taż-żieda fir-rati ta' parteċipazzjoni;

- il-limitazzjoni tal-iskemi ta' rtirar kmieni u l-użu ta' inċentivi mmirati biex jiġu impjegati ħaddiema akbar fl-età (b'mod partikolari fil-grupp tal-età ta' aktar minn 55).

§ Ir-regoli fiskali nazzjonali

*Id-differenzi fis-sostenibbiltà huma indikaturi maqbula mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà fiskali.

A 290

L-Istati Membri parteċipanti jimpenjaw ruħhom li jittradueu r-regoli fiskali tal-UE kif stabbiliti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-leġislazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri ser iżommu l-għażla tal-istrument legali nazzjonali speċifiku li għandu jintuża, iżda ser jiżguraw li jkollu natura vinkolanti u durabbli qawwija biżżejjed (eż. kostituzzjoni jew liġi qafas). Il-formulazzjoni eżatta tar-regola ser ukoll tiġi deċiża minn kull pajjiż (eż. tista' tieħu l-forma ta' "debt brake", regola relatata mal-bilanċ primarju jew regola ta' nfiq), iżda għandha tiżgura dixxiplina fiskali fil-livelli kemm nazzjonali kif ukoll subnazzjonali. Il-Kummissjoni ser ikollha l-opportunità, b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali, li tiġi kkonsultata dwar ir-regola fiskali preċiża qabel l-adozzjoni tagħha sabiex tiżgura li hija tkun kompatibbli mar-regoli tal-UE u li tkun tappoġġahom.

d. It-tisħiħ tal-istabbilta finanzjarja

Settur finanzjarju sod huwa essenzjali għall-istabbilità ġenerali taż-żona tal-euro. Tnediet riforma komprensiva tal-qafas tal-UE għas-superviżjoni u r-regolazzjoni tas-settur finanzjarju.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu leġislazzjoni nazzjonali għar-riżoluzzjoni bankarja, b'rispett sħiħ tal-*acquis* Komunitarju. Ser isiru, fuq bażi regolari, simulazzjonijiet ta' kriżi stretti fuq il-banek, ikkoordinati fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, il-President tal-BERS u l-President tal-Grupp tal-Euro ser ikunu mistiedna biex jinfurmaw regolarment lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern dwar kwistjonijiet relatati mal-istabbiltà makrofinanzjarja u l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro li jirrikjedu azzjoni speċifika. B'mod partikolari, għal kull Stat Membru, il-livell ta' dejn privat għall-banek, l-unitajiet domestiċi u l-kumpanniji mhux finanzjarji ser ikun monitorjat mill-qrib.

Minbarra l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, ser tingħata attenzjoni għall-koordinazzjoni tal-politika fiskali.

It-tassazzjoni diretta tibqa' kompetenza nazzjonali. Il-koordinazzjoni prammatika tal-linji ta' politika fiskali hija element neċessarju ta' koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro sabiex jiġu appoġġati l-konsolidazzjoni fiskali u t-tkabbir ekonomiku. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jidħlu f'diskussjonijiet strutturati dwar kwistjonijiet ta' politika fiskali, b'mod partikolari biex jiżguraw l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-evitar ta' prattiki dannużi u proposti għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa.

L-iżvilupp ta' taxxa komuni tal-kumpanniji jista' jkun triq 'il quddiem mingħajr inċidenza fuq id-dħul biex tiġi żgurata konsistenza fost is-sistemi fiskali nazzjonali filwaqt li jiġu rrispettati strateġiji fiskali nazzjonali, u jingħata kontribut

għas-sostenibbiltà fiskali u l-kompetittività tan-negozji Ewropej.

Il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġislattiva dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa tal-kumpanniji.

Impenji annwali konkreti

Sabiex nuru impenn reali għall-bidla u niżguraw l-impetu politiku meħtieġ biex nilħqu l-objettivi komuni tagħna, kull sena l-Istati Membri parteċipanti ser jaqblu fl-ogħla livell dwar sett ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jinkisbu fi żmien 12-il xahar. L-għażla tal-miżuri ta' politika speċifiċi li għandhom ikunu implimentati ser tibqa' r-responsabbiltà ta' kull pajjiż, iżda l-għażla ser tkun iggwidata mill-konsiderazzjoni b'mod partikolari tal-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq. Dawn l-impenji ser ikunu riflessi wkoll fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-Programmi ta' Stabbilità ppreżentati kull sena li ser ikunu vvalutati mill-Kummissjoni, il-Kunsill, u l-Grupp tal-Euro fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

A 292

ANNESS II

Dokument dwar il-Kondizzjonijiet (Term Sheet) tal-MES

Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jżid il-paragrafu li ej mal-Artikolu 136 tat-Trattat:

"L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta".

B'segwitu għal din id-deċiżjoni, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà permanenti: il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Il-MES ser jiġi attivat bi qbil reċiproku*, jekk ikun indispensabbli li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-MES ser jassumi r-rwol tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) fil-forniment ta' assistenza finanzjarja esterna lill-Istati Membri taż-żona tal-euro wara Ġunju 2013.

L-aċċess għall-assistenza finanzjarja tal-MES ser jingħata abbażi ta' kondizzjonalità stretta ta' politika taħt programm ta' aġġustament makroekonomiku u analiżi rigoruża tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku, li ser jitmexxew mill-Kummissjoni flimkien mal-FMI u b'kollaborazzjoni mal-BĊE. L-Istat Membru benefiċjarju ser ikun meħtieġ li jistabbilixxi forma adatta ta' involviment tas-settur privat, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi u b'mod li jkun konsistenti għalkollox mal-prattiki tal-FMI.

Il-MES ser ikollu kapaċità effettiva ta' self ta' EUR 500 biljun**. L-adegwatezza tal-kapaċità ta' self ser tiġi eżaminata fuq bażi regolari u tal-inqas darba kull ħames snin. Il-MES ser ifittex li jissupplimenta il-kapaċità ta' self tiegħu permezz tal-parteċipazzjoni tal-FMI f'operazzjonijiet ta' assistenza finanzjarja, filwaqt li l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jipparteċipaw ukoll fuq bażi *ad hoc*.

Il-kumplament ta' dan id-dokument dwar il-kondizzjonijiet jistabbilixxi il-karatteristiċi strutturali fundamentali tal-MES:

Forma istituzzjonali

Il-MES ser jiġi stabbilit permezz ta' trattat bejn l-Istati Membri taż-żona tal-

*Deċiżjoni meħuda bi qbil reċiproku hija deċiżjoni meħuda bl-unanimità tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-votazzjoni, jiġifieri astensjonijiet ma jostakolawx id-deċiżjoni milli tiġi adottata.

**Matul it-transizzjoni mill-EFSF għall-MES, il-kombinazzjoni tal-kapaċità ta' self mhix ser taqbeż dan l-ammont.

euro bħala organizzazzjoni intergovernattiva skont id-dritt internazzjonali pubbliku u ser ikun sitwat fil-Lussemburgu. L-istatut tal-MES ser jiġi stabbilit f'anness għat-trattat.

Funzjoni u strateġija ta' finanzjament

Il-funzjoni tal-MES ser tkun il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u l-għoti ta' assistenza finanzjarja, taħt kondizzjonalità stretta, għall-benefiċċju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, li qed iġarrbu jew huma mhedda minn problemi severi ta' finanzjament, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha hemm hi.

L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jagħtu lill-MES is-sanzjonijiet finanzjarji riċevuti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-proċeduri tal-Iżbilanċi Makroeknomiċi. Tali sanzjonijiet ser jifformaw parti mill-kapital imħallas.

Il-MES ser juża strateġija adatta ta' finanzjament sabiex jiżgura l-aċċess għal sorsi ta' finanzjament ġenerali u sabiex ikun jista' jestendi l-pakketti ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taħt il-kondizzjonijiet kollha tas-suq. Kwalunkwe riskju assoċjat ser jitrażżan permezz ta' ġestjoni adegwata tal-attiv u l-passiv.

Governanza

Il-MES ser ikollu Bord tal-Gvernaturi magħmul mill-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro (bħala membri li għandhom vot), bil-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-President tal-BĊE bħala osservaturi. Il-Bord tal-Gvernaturi ser jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu li għandhom vot.

Il-Bord tal-Gvernaturi ser ikun l-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-MES u ser jieħu d-deċiżjonijiet prinċipali segwenti bi qbil reċiproku:

- l-għoti ta' assistenza finanzjarja;
- it-termini u l-kondizzjonijiet tal-assistenza finanzjarja;
- il-kapaċità ta' self tal-MES;
- bidliet għal-lista ta' strumenti.

Id-deċiżjonijiet l-oħra kollha mill-Bord tal-Gvernaturi ser jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata, kemm-il darba ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Il-MES ser ikollu Bord tad-Diretturi, li ser iwettaq kompiti speċifiċi kif iddelegati mill-Bord tal-Gvernaturi. Kull Stat Membru taż-żona tal-euro ser jaħtar Direttur wieħed u Direttur supplenti wieħed. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-BĊE ser jinnominaw osservatur u supplenti kull wieħed għall-Bord tad-Diretturi. Id-deċiżjonijiet kollha mill-Bord tad-Diretturi ser jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata, kemm-il darba ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

A 294

Il-piżijiet tal-voti fil-Bord tal-Gvernaturi u l-Bord tad-Diretturi ser ikun f'proporzjon mas-sottoskrizzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri għall-kapital tal-MES. Maġġoranza kwalifikata hi definita bħala 80 fil-mija tal-voti.

Il-Bord tal-Gvernaturi ser jaħtar Direttur Maniġerjali li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-MES. Id-Direttur Maniġerjali ser jippresjedi fuq il-Bord tad-Diretturi.

Struttura tal-kapital

Il-MES ser jimmira li jikseb u jżomm l-ogħla livell ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mill-aġenziji prinċipali ta' klassifikazzjoni tal-kreditu.

Il-MES ser ikollu kapital sottoskritt totali ta' EUR 700 biljun. Minn dan l-ammont, EUR 80 biljun ser ikunu fil-forma ta' kapital imħallas ipprovdut b'mod gradwali mill-Istati Membri taż-żona tal-euro minn Lulju 2013 f'ħames pagamenti annwali indaqs. Barra minn hekk, il-MES ser jiddisponi wkoll minn kombinazzjoni ta' kapital eżerċitabbli impenjat u garanziji mill-Istati Membri taż-żona tal-euro għal ammont totali ta' EUR 620 biljun. Matul il-fażi ta' transizzjoni mill-2013 sal-2017, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom sabiex jaċċelleraw, fil-każ improbabbli li dan ikun meħtieġ, il-provvediment ta' strumenti adatti sabiex jinżamm proporzjon minimu ta' 15 fil-mija bejn il-kapital imħallas u l-ammont pendenti tal-ħruġ tal-MES.

Il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru fil-kapital totali sottoskritt tal-MES ser ikun ibbażat fuq il-koeffiċjent ta' kapital imħallas tal-BĊE kif anness. Bir-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom legalment li jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-kapital totali sottoskritt.

Meta jadatta l-ammont tal-kapital totali sottoskritt jew meta jitlob lura l-kapital, il-Bord tal-Gvernaturi ser jiddeċiedi bi qbil reċiproku, ħlief fil-każijiet speċifiċi deskritti hawn taħt. L-ewwel, il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi, b'maġġoranza sempliċi, li jerġa' jikseb - billi jitlob lura l-kapital - il-livell ta' kapital imħallas f'każ li l-ammont ta' kapital imħallas jitnaqqas minħabba l-assorbiment tat-telf*. It-tieni, ser tiġi attivata proċedura ta' garanzija fuq talba li tippermetti li l-kapital jintalab lura b'mod awtomatiku mill-azzjonisti tal-MES jekk ikun meħtieġ sabiex jiġi evitat nuqqas fil-pagament lill-kredituri tal-MES. Fiċ-ċirkostanzi kollha, ir-responsabbiltà ta' kull azzjonist ser tkun limitata għas-sehem tiegħu fil-kapital sottoskritt.

Kwalunkwe kontribuzzjoni għall-kapital sottoskritt minn Stat Membru** li jingħaqad mal-MES wara Lulju 2013 ser issir skont l-istess termini applikati għall-

*Il-vot tal-Istat Membru li minħabba l-inadempjenza tiegħu jsir it-telf li jrid jiġi kopert hu sospiż għal din id-deċiżjoni.

**Bħala konsegwenza li jingħaqad maż-żona tal-euro, Stat Membru għandu jsir membru tal-MES bid-drittijiet u l-obbligi kollha.

kontribuzzjonijiet oriġinali. L-implikazzjonijiet prattiċi għall-ammont kollu ta' kapital sottoskritt u d-distribuzzjoni ta' kapital fost l-Istati Membri ser ikunu deċiżi mill-Bord tal-Gvernaturi bi qbil reċiproku.

Sakemm il-MES ma jkunx ġie attivat u dment li l-kapaċità effettiva ta' self ma tkunx inqas minn EUR 500 biljun, ir-rikavati mill-investiment tal-kapital imħallas tal-MES jingħataw lura lill-Istati Membri, wara tnaqqis għall-ispejjeż operattivi. Wara l-ewwel attivazzjoni tal-MES, ir-rikavati mill-investiment tal-kapital tal-MES u l-attività ta' assistenza finanzjarja ser jinżammu fil-MES. Madankollu, f'każ li l-kapital imħallas, jeċċedi l-livell meħtieġ biex tinżamm il-kapaċità ta' self tal-MES, il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi li jqassam dividend lill-Istati Membri taż-żona tal-euro bbażat fuq il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni.

Strumenti

Jekk ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi, f'konformità mal-emenda għall-Artikolu 136 tat-Trattat, il-MES ser jipprovdi assistenza finanzjarja soġġetta għal kondizzjonalità stretta skont programm ta' aġġustament makroekonomiku, proporzjonat għas-severità tal-iżbilanċi tal-Istat Membru. Din ser tkun ipprovduta permezz ta' self. Madankollu, hu jista' jintervjeni, bħala eċċezzjoni, fi swieq primarji ta' dejn fuq il-bażi ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku b'kondizzjonalità stretta u jekk maqbul mill-Bord tal-Gvernaturi, bi qbil reċiproku.

§ Sostenn mill-MES għall-istabbiltà (ESS)

Il-MES jista' jagħti sostenn għall-istabbiltà fil-perijodu qasir jew medju lil Stat Membru taż-żona tal-euro, li jkun għaddej minn problemi severi ta' finanzjament. L-aċċess għall-ESS jimplika programm ta' aġġustament makroekonomiku b'kondizzjonalità ta' politika adegwata proporzjonata mas-severità tal-iżbilanċi sottostanti fl-Istat Membru benefiċjarju. It-tul tal-programm u l-maturità tas-self ser jiddependu fuq in-natura tal-iżbilanċi u l-prospetti tal-Istati Membri benefiċjarji li jerġgħu jiksbu aċċess għas-swieq finanzjarji fiż-żmien li fih ir-riżorsi tal-MES ikunu disponibbli.

§ Faċilità ta' sostenn għas-suq primarju

Il-MES jista' jixtri l-*bonds* ta' Stat Membru, li jkun għaddej minn problemi severi ta' finanzjament, fis-suq primarju, bit-tir li tkun massimizzata l-kost effiċjenza tas-sostenn. Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom jitmexxa x-xiri ta' *bonds* ser jiġu speċifikati fid-Deċiżjoni dwar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-assistenza finanzjarja.

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirrevedi l-istrumenti għad-dispożizzjoni tal-MES u jista' jiddeċiedi li jdaħħal bidliet fil-lista tal-istrumenti.

A 296

L-involviment tal-FMI

Il-MES ser jikkoopera mill-qrib ħafna mal-FMI fil-provvediment ta' assistenza finanzjarja*. Fiċ-ċirkostanzi kollha, ser tintalab il-parteċipazzjoni attiva tal-FMI, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak finanzjarju. L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ser titmexxa konġuntement mill-Kummissjoni u l-FMI, f'kollaborazzjoni mal-BĊE. Il-kondizzjonijiet tal-politika marbuta ma' assistenza konġunta tal-MES u l-FMI ser jiġu nnegozjati konġuntement mill-Kummissjoni u l-FMI, f'kollaborazzjoni mal-BĊE.

Attivazzjoni tal-assistenza finanzjarja, monitoraġġ u segwitu tal-programm

Fil-każijiet kollha, l-assistenza finanzjarja mill-MES ser tkun attivata fuq talba minn Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro. Il-Grupp tal-euro ser jinforma lill-Kunsill li tkun saret talba għall-attivazzjoni tas-sostenn. Malli jirċievi talba bħal din, il-Bord tal-Gvernaturi jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta, f'kollaborazzjoni mal-BĊE, l-eżistenza ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi u biex twettaq analiżi rigoruża tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE. Il-passi sussegwenti fl-attivazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-MES ser ikunu kif ġej:

§ Jekk jintalab ESS, il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, ser tivvaluta l-ħtiġijiet attwali ta' finanzjament tal-Istat Membru benefiċjarju u n-natura tal-involviment meħtieġ mis-settur privat, li għandhom ikunu konsistenti mal-prattiki tal-FMI.

§ Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Bord tal-Gvernaturi ser jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, programm ta' aġġustament makroekonomiku mal-Istat Membru kkonċernat, dettaljat f'Memorandum ta' Qbil (MtQ).

§ Il-Kummissjoni ser tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni li tapprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Il-Bord tal-Gvernaturi ser jiddeċiedi dwar l-għoti tal-assistenza finanzjarja u t-termini u l-kondizzjonijiet li taħthom tiġi pprovduta l-assistenza. Meta l-programm ikun ġie adottat mill-Kunsill, il-Kummissjoni ser tiffirma l-MtQ f'isem l-Istati Membri taż-żona tal-euro soġġett għall-qbil reċiproku minn qabel mill-Bord tal-Gvernaturi. Il-Bord tad-Diretturi mbagħad ser japprova l-ftehim ta' assistenza finanzjarja li jkun fih l-aspetti tekniċi tal-assistenza finanzjarja li għandha tingħata.

§ Il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kollaborazzjoni mal-BĊE, ser tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mal-kondizzjonalità

*Madankollu hu mifhum li kwalunkwe involviment tal-FMI ser ikun konsistenti mal-mandat tiegħu skont l-Artikoli ta' Ftehim u d-deċiżjoni u l-linji ta' politika applikabbli tal-Bord tal-FMI.

ta’ politika meħtieġa minn programm ta’ aġġustament makroekonomiku. Hi ser tirrapporta lill-Kunsill u lill-Bord tad-Diretturi. Abbażi ta’ dan ir-rapport, il-Bord tad-Diretturi ser jiddeċiedi bi qbil reċiproku dwar il-ħlas tal-porzjonijiet ġodda tas-self.

§ Wara diskussjoni fil-Bord tal-Gvernaturi, il-Kunsill jista’ jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jimplimenta s-sorveljanza ta’ wara l-programm, li tista’ tinżamm sakemm ma jkunx tħallas lura ammont speċifiku tal-assistenza finanzjarja.

Konsistenza mal-qafas ta’ sorveljanza multilaterali tal-UE

Ser tintalab l-approvazzjoni mill-Istati Membri tal-UE biex jippermettu lill-Istati Membri taż-żona tal-euro sabiex jinkarigaw lill-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f’kollaborazzjoni mal-BĊE, bl-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Istat Membru li qed jitlob sostenn finanzjarju, it-tħejjija tal-programm ta’ aġġustament li jakkumpanja l-assistenza finanzjarja, kif ukoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu.

Waqt li l-Bord tal-Gvernaturi għandu l-awtonomija li jiddeċiedi dwar l-eżistenza u l-modalitajiet tal-assistenza finanzjarja taħt qafas intergovernattiv, il-kondizzjonalità tal-politika stabbilita taħt sorveljanza msaħħa jew programm ta’ aġġustament makroekonomiku għandha tkun konsistenti mal-qafas ta’ sorveljanza tal-UE u għandha tiggarantixxi r-rispett tal-proċeduri tal-UE. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tipproponi Regolament li jiċċara l-passi proċedurali meħtieġa taħt l-Artikolu 136 tat-Trattat sabiex il-kondizzjonalità tal-politika tkun integrata fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill u tkun żgurata l-konsistenza mal-qafas ta’ sorveljanza multilaterali tal-UE. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jgħarrfu lill-Parlament Ewropew fuq bażi regolari dwar l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-MES.

Determinazzjoni tal-prezzijiet

Il-Bord tal-Gvernaturi ser jiddeċiedi dwar l-istruttura tad-determinazzjoni tal-prezzijiet għall-assistenza finanzjarja lil Stat Membru benefiċjarju.

Il-MES ser ikun jista’ jislef b’rata fissa jew varjabbli. Id-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-MES ser tkun konformi mal-prinċipji tal-FMI dwar id-determinazzjoni tal-prezzijiet u, filwaqt li żżomm ’il fuq mill-ispejjeż ta’ finanzjament tal-MES, ser tinkludi żieda adegwata għar-riskji.

Għas-self tal-MES ser tapplika l-istruttura li ġejja ta’ determinazzjoni tal-prezzijiet:

1) Spejjeż ta’ finanzjament tal-MES

2) Ħlas ta’ 200 bps applikat fuq is-self kollu kemm hu

3) Ħlas addizzjonali ta' 100 bps għal ammonti ta' self li jkunu pendenti wara 3 snin

Għal self b'rata fissa b'maturità ta' aktar minn 3 snin, il-marġni ser tkun medja ppeżata tal-ħlas ta' 200 bps għall-ewwel 3 snin u 200 bps miżjuda b'100 bps għas-snin ta' wara.

L-istruttura tad-determinazzjoni tal-prezzijiet ser tkun iddefinita fil-politika tal-MES dwar id-determinazzjoni tal-prezzijiet, li ser tiġi riveduta perjodikament.

Involviment tas-settur privat

1. Modalitajiet għall-involviment tas-settur privat

Ser tkun mistennija forma adegwata u proporzjonata ta' parteċipazzjoni tas-settur privat skont il-każ meta l-Istat benefiċjarju jirċievi assistenza finanzjarja. In-natura u l-iskala ta' din il-parteċipazzjoni ser jiġu ddeterminati skont il-każ u ser jiddependu mir-riżultat ta' analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn, f'konformità mal-prattika tal-FMI*, u mill-implikazzjonijiet potenzjali għall-istabbilta finanzjarja taż-żona tal-euro.

(a) Jekk, fuq il-bażi ta' analiżi tas-sostenibbiltà, jiġi konkluż li programm ta' aġġustament makroekonomiku jista' b'mod realistiku jerġa' jġib id-dejn pubbliku fi triq sostenibbli, l-Istat Membru benefiċjarju jieħu inizjattivi mmirati biex iħeġġu lill-investituri privati ewlenin jibqgħu jżommu l-espożizzjonijiet tagħhom għar-riskju (eż. approċċ tal-"Inizjattiva ta' Vjenna"). Il-Kummissjoni, l-FMI, il-BĊE u l-ABE ser ikunu involuti mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi bħal dawn.

(b) Jekk, fuq il-bażi ta' analiżi tas-sostenibbiltà, jiġi konkluż li programm makroekonomiku ma jistax b'mod realistiku jerġa' jġib id-dejn pubbliku fi triq sostenibbli, l-Istat Membru benefiċjarju jkun meħtieġ jidħol f'negozjati attivi *in bona fede* mal-kredituri tiegħu sabiex jikseb l-involviment dirett tagħhom biex id-dejn jerġa' jsir sostenibbli. L-għoti ta' assistenza finanzjarja ser ikun kontinġenti fuq il-fatt li l-Istat Membru jkollu pjan kredibbli u li juri impenn suffiċjenti li jiżgura involviment adegwat u proporzjonat tas-settur privat. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ser ikun taħt monitoraġġ fl-ambitu tal-programm u ser jitqies fid-deċiżjoni dwar ħlasijiet.

Fin-negozjar mal-kredituri, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jimxi mal-prinċipji li ġejjin:

- *Proporzjonalità*: l-Istat Membru jfittex soluzzjonijiet proporzjonati għall-problema tas-sostenibbiltà tad-dejn tiegħu.

*Konformement mal-FMI, id-dejn jitqies sostenibbli meta min jissellef ikun mistenni li jista' jkompli jħallas id-djun tiegħu mingħajr korrezzjoni għad-dħul u l-infiq tiegħu li ma tkunx realistika. Din il-valutazzjoni tiddetermina d-disponibbiltà u l-iskala adatta tal-finanzjament.

- *Trasparenza*: l-Istat Membru kkonċernat jidħol fi djalogu miftuħ mal-krediturі u jaqsam magħhom informazzjoni rilevanti f'waqtha.

- *Sens tal-ġustizzja*: l-Istat Membru jikkonsulta mal-krediturі dwar it-tfassil ta' kwalunkwe bidla fl-iskeda jew ristrutturar tad-dejn pubbliku bl-għan li jinkisbu soluzzjonijiet negozjati. Miżuri li jnaqqsu l-valur attwali nett tad-dejn jiġu kkunsidrati biss meta l-għażliet l-oħra x'aktarx li ma jwasslux għar-riżultati mistennija.

- *Koordinazzjoni transkonfinali*: fit-tfassil ta' miżuri li jinvolvu lis-settur privat jittieħed kont dovut tar-riskju ta' kontaġju u effetti mifruxa potenzjali fuq Stati Membri oħra u pajjiżi terzi. Il-miżuri meħuda jkunu akkumpanjati b'komunikazzjoni adatta mill-Istat Membru kkonċernat bl-għan li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

2. Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva

It-titoli ta' sigurtà tal-gvern ġodda kollha fiż-żona tal-euro, li jimmaturaw wara iktar minn sena, minn Lulju 2013 ser jinkludu Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva (CACs). L-objettiv ta' CACs bħal dawn ser ikun li jiġi ffaċilitat il-qbil bejn is-sovran u l-krediturі tiegħu tas-settur privat fil-kuntest tal-involviment tas-settur privat. L-inklużjoni ta' CACs f'bond mhux ser tkun timplika probabbiltà aktar għolja ta' inadempjenza jew ta' ristrutturar tad-dejn marbut ma' dak il-bond. Għaldaqstant, l-istatus ta' kreditur tad-dejn sovran mhux ser ikun affettwat bl-inklużjoni tal-CACs.

L-elementi prinċipali tal-CACs ser ikunu konsistenti ma' dawk użati normalment fis-swieq tal-Istati Uniti u r-Renju Unit minn wara r-rapport tal-G10 dwar il-CACs. Il-CACs ser jiddaħħlu b'mod li jżomm kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Dan jimplika l-użu ta' **klawsoli identiċi u standardizzati** għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, armonizzati fit-termini u l-kondizzjonijiet tat-titoli ta' sigurtà maħruġa mill-Istati Membri. Il-bażi tagħhom ser tkun **konsistenti mal-CACs li huma komuni fil-liġi ta' New York u dik Ingliża**.

Il-CACs ser ikunu jinkludu **klawsola ta' aggregazzjoni**, li tippermetti lil supermaġġoranza ta' detenturi ta' bonds fuq ħarġiet multipli ta' bonds soġġetti għal dik il-klawsola u soġġetti għal-liġi ta' ġurisdizzjoni waħda li jinkludu klawsola ta' azzjoni ta' maġġoranza fejn il-maġġoranza ta' krediturі meħtieġa għar-ristrutturar ma tinkisibx fi ħdan ħarġa unika ta' bonds. Ser tiddaħħal fis-seħħ r**appreżentanza adatta**. L-aktar kwistjonijiet importanti - dawk ta' riżerva - (eż. termini prinċipali tal-ħlas, konverżjoni jew skambju ta' bonds) ser jiġu deċiżi b'**maġġoranza** akbar milli kwistjonijiet mhux ta' riżerva. Ser japplikaw rekwiżiti adatti dwar **kworum**. Il-bidliet miftiehma mill-maġġoranzi rilevanti jorbtu lid-detenturi kollha tal-bonds.

Biex jiġi żgurat proċess korrett ta' votazzjoni ser tiġi applikata klawsola

adatta ta’ tneħħija tad-dritt għal vot. Ser jiġu kkunsidrati klawsoli adatti li jimpedixxu tfixkil permezz ta’ azzjonijiet legali.

Il-CACs ser jiddaħħlu b’mod standardizzat, li jiżgura li l-impatt legali tagħhom ikun identiku fil-ġurisdizzjonijiet kollha taż-żona tal-euro u b’hekk jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jadottaw il-miżuri meħtieġa biex il-CACs isiru effettivi.

Wara Ġunju 2013 l-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jitħallew ikomplu "jirrifinanzjaw" dejn pendenti mingħajr CACs taħt kondizzjonijiet predeterminati sabiex jibqgħu jżommu l-likwidità meħtieġa tal-bonds l-antiki u jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex b’mod ordnat joħorġu bonds ġodda fuq il-*benchmark maturities* kollha. L-arranġamenti legali ddettaljati għall-inklużjoni tal-CACs fit-titoli ta’ sigurtà pubbliċi fiż-żona tal-euro ser jiġu deċiżi fuq il-bażi ta’ ħidma li għandha titwettaq mis-Sottokumitat tal-KEF dwar Swieq ta’ Dejn Sovran tal-UE, wara konsultazzjoni xierqa mal-parteċipanti fis-suq u partijiet oħra interessati, u jistgħu jiġu ffinalizzati sa tmiem l-2011.

3. Status ta’ Kreditur Preferut tal-MES

Bħall-FMI, il-MES ser jipprovdi assistenza finanzjarja lil Stat Membru meta ma jkollux aċċess regolari għal finanzjament tas-suq. B’riflessjoni ta’ dan, il-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern iddikjaraw li l-MES ser igawdi minn status ta’ kreditur preferut b’mod simili bħall-FMI, waqt li jaċċettaw status ta’ kreditur preferut tal-FMI fil-konfront tal-MES.

Dan għandu jkun effettiv mill-1 ta’ Lulju 2013 mingħajr preġudizzju għat-termini u l-kondizzjonijiet ta’ kwalunkwe ftehim ieħor previst taħt l-EFSF u l-faċilita tal-Greċja.

Arranġamenti transitorji bejn l-EFSF u l-MES

Kif kien previst fil-bidu, wara Ġunju 2013 l-EFSF ser tibqa’ fis-seħħ biex tamministra l-bonds pendenti. Hija ser tibqa’ operattiva sakemm tkun irċeviet il-ħlas kollu tal-finanzjament mogħti lill-Istati Membri u tkun ħallset lura l-ammonti passivi tagħha taħt l-istrumenti finanzjarji maħruġa, u kwalunkwe obbligu ta’ rimborż lil garanti. Partijiet mhux imħallsa u mhux iffinanzjati ta’ faċilitajiet eżistenti ta’ self għandhom jiġu ttrasferiti lill-MES (eż. ħlas u finanzjament ta’ pagamenti parzjali li jsiru dovuti biss wara d-dħul fis-seħħ tal-MES). Is-self konsolidat tal-EFSF u l-MES ma għandux ikun aktar minn EUR 500 biljun.

Biex jiżgura transizzjoni faċli mill-EFSF għall-MES, is-CEO tal-EFSF ser ikun inkarigat mit-tħejjija prattika tal-istabbiliment tal-MES. Huwa ser jirrapporta regolarment dwar il-progress magħmul lill-Grupp ta’ Ħidma tal-Grupp tal-euro.

Parteċipazzjoni tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro

L-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jipparteċipaw parallelament mal-MES fuq bażi *ad hoc* f'operazzjonijiet ta' assistenza finanzjarja għall-Istati Membri taż-żona tal-euro. Jekk f'dawn l-operazzjonijiet jieħdu sehem Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, dawn ikunu rrappreżentati fil-laqgħat rilevanti tal-bordijiet tal-MES li jiddeċiedu dwar l-għoti u l-monitoraġġ tal-assistenza. Huma jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni kollha rilevanti u jiġu kkonsultati kif suppost. L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jappoġġaw l-istatus ta' kreditur ekwivalenti tal-MES u dak ta' Stati Membri oħra li jisilfu bilateralment u parallelament mal-MES.

Riżoluzzjoni ta' tilwim

Jekk ikun hemm tilwima bejn Stat Membru taż-żona tal-euro u l-MES dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattat li jistabbilixxi l-MES, din it-tilwima tiġi deċiża mill-Bord tal-Gvernaturi. Jekk l-Istat Membru jikkontesta din id-deċiżjoni, it-tilwima għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 273 tat-TFUE.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-MES u partijiet terzi, il-liġi u l-ġurisdizzjoni applikabbli li jirregolawhom jiġu ttrattati mid-dokumentazzjoni legali u kuntrattwali li mbagħad tiddaħħal fis-seħħ bejn il-MES u dawk il-partijiet terzi.

A 302

Anness: Il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tal-MES ibbażat fuq il-koeffiċjent tal-BĊE

Pajjiż	ISO	Koeffiċjent tal-MES
Awstrija	AT	2,783
Belġju	BE	3,477
Ċipru	CY	0,196
Estonja	EE	0,186
Finlandja	FI	1,797
Franza	FR	20,386
Ġermanja	DE	27,146
Greċja	EL	2,817
Irlanda	IE	1,592
Italja	IT	17,914
Lussemburgu	LU	0,250
Malta	MT	0,073
Pajjiżi l-Baxxi	NL	5,717
Portugall	PT	2,509
Slovakkja	SK	0,824
Slovenja	SI	0,428
Spanja	ES	11,904
Total	EA17	100,0

Noti: Il-koeffiċjent tal-MES hu bbażat fuq il-koeffiċjent ta' kontribuzzjoni ta' kapital tal-BĊE.

Stati Membri bi PDG per capita inqas minn 75% tal-medja tal-UE ser jibbenefikaw minn korrezzjoni temporanja għal perijodu ta' 12-il sena wara d-dħul tagħhom fiż-żona tal-euro.

Din il-korrezzjoni temporanja ser tkun tliet kwarti mid-differenza bejn is-sehem tad-DNG u s-sehem ta' kapital tal-BĊE (effettivament magħmula minn 75% tas-sehem tad-DNG u 25% tas-sehem ta' kapital tal-BĊE) kif ġej: *sehem tal-MES = sehem tal-koeffiċjent tal-BĊE - 0,75*(sehem tal-koeffiċjent tal-BeE - sehem tad-DNG)*

Il-kumpens 'l isfel lil dawk il-pajjiżi jitqassam fost il-pajjiżi l-oħra kollha skont is-sehem tagħhom tal-koeffiċjent tal-BĊE.

DNG u PDG per capita fl-2010.

Sorsi: Kalkoli tal-BĊE, Ameco u DĠ ECFIN.

SKEDA 3

TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-MEKKANIŻMU EWROPEW TA' STABBILTÀ

BEJN IR-RENJU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA, IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA, IR-RENJU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA, IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, MALTA, IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI, IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA, IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA U R-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, u r-Repubblika tal-Finlandja, ("l-Istati Membri taż-żona tal-euro" jew "il-Membri fil-MES");

IMPENJATI biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro;

FID-DAWL tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati nhar il-25 ta' Marzu 2011 dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà;

BILLI:

(1) Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti ta' stabbiltà. Dan il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("MES") ser jassumi l-kompiti li bħalissa huma mwettqa mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ("FESF") u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("MESF") fl-għoti, fejn ikun meħtieġ, ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro.

(2) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni 2011/199/UE li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri* li l-munita tagħhom hija l-euro li żiedet il-paragrafu li ġej fl-Artikolu 136: "L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro komplessivament. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu għandu jkun soġġett għal kondizzjonalità stretta".

(3) Sabiex tiżdied l-effikaċja tal-assistenza finanzjarja u sabiex ikun

* ĠU L 91, 6.4.2011, p. 1.

impedit ir-riskju ta’ kontaġju finanzjarju, il-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ftiehmu fil-21 ta’ Lulju 2011 li ‘tiżdied il-flessibbiltà [tal-MES] b’rabta ma’ kondizzjonalità adegwata’.

(4) L-osservanza stretta tal-qafas tal-Unjoni Ewropea, is-sorveljanza makroekonomika integrata, b’mod partikolari l-Patt ta’ Tkabbir u Stabbiltà, il-qafas tal-iżbilanċi makoroekonomiċi u r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-governanza ekonomika, għandhom jibqgħu l-ewwel linja ta’ difiża kontra l-kriżijiet ta’ fiduċja li jolqtu l-istabbiltà taż-żona tal-euro.

(5) Fid-9 ta’ Diċembru 2011 il-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ftiehmu li jimxu lejn unjoni ekonomika aktar b’saħħitha inklużi patt fiskali ġdid u koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika li jiġu stabbiliti permezz ta’ ftehim internazzjonali, it-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja ("TSKG"). It-TSKG ser jgħin fl-iżvilupp ta’ koordinazzjoni iktar mill-qrib fiż-żona tal-euro bil-ħsieb li tkun żgurata amministrazzjoni dejjiema, soda u robusta tal-finanzi pubbliċi u b’hekk tindirizza wieħed mis-sorsi ewlenin tal-instabbiltà finanzjarja. Dan it-Trattat u t-TSKG huma komplementari fit-trawwim ta’ responsabbiltà fiskali u solidarjetà fl-unjoni ekonomika u monetarja. Huwa rikonoxxut u hemm qbil li l-għoti ta’ assistenza finanzjarja fil-qafas ta’ programmi ġodda taħt il-MES ser ikun kondizzjonali, mill-1 ta’ Marzu 2013, mir-ratifika tat-TSKG mill-Membru ikkonċernat fil-MES u, mal-iskadenza tal-perijodu ta’ traspożizzjoni msemmi fl-Artikolu 3(2) tat-TSKG, mill-konformità mar-rekwiżiti ta’ dak l-Artikolu.

(6) B’kont meħud tal-interrelazzjoni qawwija fi ħdan iż-żona tal-euro, ir-riskji kbar għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu joħolqu riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament. Il-MES jista’ għalhekk jipprovdi sostenn għall-istabbiltà abbażi ta’ kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta’ assistenza finanzjarja magħżul jekk hekk ikun indispensabbli għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha. Il-volum inizjali massimu tal-għoti ta’ self tal-MES huwa stabbilit fl-ammont ta’ EUR 500 000 miljun, inkluż is-sostenn għall-istabbiltà li għadu pendenti tal-FESF. L-adegwatezza tal-volum massimu konsolidat għal self tal-MES u l-FESF sejra, madankollu, tiġi rivalutata qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan it-Trattat. Jekk ikun xieraq, dan ser jiżdied mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MES, taħt l-Artikolu 10, mad-dħul fis-seħħ ta’ dan it-Trattat.

(7) L-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro ser isiru Membri fil-MES. Bħala konsegwenza tal-adeżjoni fiż-żona tal-euro, Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jsir Membru fil-MES bi drittijiet u obbligi sħaħ, fuq l-istess linji ta’ dawk tal-Partijiet Kontraenti.

(8) Il-MES ser jikkoopera mill-qrib ħafna mal-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") fl-għoti ta’ sostenn għall-istabbiltà. Ser tintalab il-

parteċipazzjoni attiva tal-FMI, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak finanzjarju. Stat Membru taż-żona tal-euro li jitlob assistenza finanzjarja mill-MES hu mistenni, kull fejn possibbli, li jindirizza talba simili lill-FMI.

(9) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li l-munita tagħhom mhijiex l-euro ("Stati Membri mhux taż-żona tal-euro") li jieħdu sehem fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-MES f'operazzjoni ta' sostenn għall-istabbiltà għal Stati Membri taż-żona tal-euro ser jiġu mistiedna jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-MES meta jiġu diskussi dan is-sostenn għall-istabbiltà u l-monitoraġġ tiegħu. Dawn ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollha f'waqtha u jiġu kkonsultati kif xieraq.

(10) Fl-20 ta' Ġunju 2011, ir-rappreżentati tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea awtorizzaw lill-Partijiet Kontraenti għal dan it-Trattat jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ċentrali Ewropew ("BĊE) sabiex iwettqu l-kompiti previsti f'dan it-Trattat.

(11) Fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2010, il-Grupp tal-Euro ddikjara li ser jiġu inklużi Klawżoli ta' Azzjoni Kollettiva ("KAK") standardizzati u identiċi, b'tali mod li tiġi ppreservata l-likwidità tas-suq, bil-pattijiet u kondizzjonijiet ta' *bonds* governattivi ġodda taż-żona tal-euro. Kif ġie mitlub mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2011, l-arranġamenti legali dettaljati għall-inklużjoni ta' KAK f'titoli governattivi taż-żona tal-euro ġew finalizzati mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

(12) B'mod konformi mal-prattika tal-FMI, f'każijiet eċċezjonali għandha tkun ikkunsidrata forma adegwata u proporzjonata ta' involviment tas-settur privat f'każijiet fejn jiġi pprovdut sostenn għall-istabbiltà akkumpanjat minn kondizzjonalità fil-forma ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku.

(13) Bħall-FMI, il-MES ser jipprovdi sostenn għall-istabbiltà lil Membru fil-MES meta jixxekkillu l-aċċess regolari għall-finanzjament mis-swieq jew meta dan ikun f'riskju li jiġi mxekkel. B'riflessjoni ta' dan, Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddikjaraw li lis-self mill-MES ser ikun attribwit status ta' kreditur preferut, b'mod simili għal dak mill-FMI, filwaqt li jkun aċċettat l-istatus ta' kreditur preferut tal-FMI bi prevalenza fuq il-MES. Dan l-istatus ser ikun effettiv mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat . Fil-każ ta' assistenza finanzjarja mill-MES fil-forma ta' self mill-MES konsegwentement għal programm Ewropew ta' assistenza finanzjarja li jkun eżistenti fiż-żmien tal-iffirmar ta' dan it-Trattat, il-MES ser jgawdi l-istess grad ta' superjorità bħas-self u l-obbligi l-oħrajn kollha tal-Membru benefiċjarju fil-MES, ħlief għas-self mill-IFM.

(14) L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jappoġġaw l-istatus ta' kreditur ekwivalenti tal-MES u dak ta' Stati oħra li jsellfu bilateralment f'koordinazzjoni mal-MES.

(15) Il-kondizzjonijiet ta' self mill-MES għal Stati Membri soġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu

40 ta’ dan it-Trattat, għandhom ikopru l-ispejjeż ta’ finanzjament u l-ispejjeż operattivi tal-MES u għandhom ikunu konsistenti mal-kondizzjonijiet ta’ self tal-Ftehimiet dwar Faċilità ta’ Assistenza Finanzjarja ffirmati bejn il-FESF, l-Irlanda u l-Bank Ċentrali tal-Irlanda, minn naħa waħda, u l-FESF, ir-Repubblika Portugiża u l-Banco de Portugal, min-naħa l-oħra.

(16) Id-disputi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta’ dan it-Trattat li jqumu bejn il-Partijiet Kontraenti jew bejn il-Partijiet Kontraenti u l-MES għandhom jitressqu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizza tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 273 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

(17) Is-sorveljanza sussegwenti għall-programm ser issir mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 121 u 136 tat-TFUE,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

KAPITOLU 1

SĦUBIJA U GĦAN

ARTIKOLU 1

Stabbiliment u membri

1. B’dan it-Trattat, il-Partijiet Kontraenti jistabbilixxu bejniethom istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, li għandha tissejjaħ il-"Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà" ("MES").

2. Il-Partijiet Kontraenti huma membri fil-MES.

ARTIKOLU 2

Membri ġodda

1. Is-sħubija fil-MES għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea meħuda skont l-Artikolu 140(2) tat-TFUE sabiex itemm id-deroga tagħhom milli jadottaw l-euro.

2. Il-Membri ġodda tal-MES għandhom jiddaħħlu bl-istess pattijiet u kondizzjonijiet tal-Membri eżistenti fil-MES, b'konformità mal-Artikolu 44.

3. Membru ġdid li jidħol fil-MES wara li dan jiġi stabbilit għandu jirċievi ishma fil-MES bi skambju għall-kontribuzzjoni kapitali tiegħu, kalkulata skont il-kjavi ta’ kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 11.

ARTIKOLU 3

Għan

L-għan tal-MES huwa l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament u l-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà taħt kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, għall-benefiċċju tal-Membri fil-MES li jkunu għaddejjin, jew jinsabu mhedda, minn problemi serji ta' finanzjament jekk dan ikun indipensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha. Għal dan il-għan, il-MES għandu jkun intitolat jiġġenera fondi billi joħroġ strumenti finanzjarji jew billi jidħol fi ftehimiet jew arranġamenti finanzjarji jew ta' xort'oħra ma' Membri fil-MES, istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra.

KAPITOLU 2

GOVERNANZA

ARTIKOLU 4

Struttura u regoli tal-votazzjoni

1. Il-MES għandu jkollu Bord tal-Gvernaturi u Bord tad-Diretturi, kif ukoll Direttur Maniġerjali u persunal tiegħu stess ieħor li jitqies li jkun meħtieġ.

2. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Bord tad-Diretturi għandhom jittieħdu bi qbil reċiproku, b'maġġoranza kwalifikata jew b'maġġoranza sempliċi kif speċifikat f'dan it-Trattat. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha, għandu jkun hemm kworum ta' 2/3 mill-membri li jkollhom dritt tal-vot u li jirrappreżentaw mill-inqas 2/3 tad-drittijiet tal-vot.

3. L-adozzjoni ta' deċiżjoni bi qbil reċiproku teħtieġ l-unanimità tal-membri li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-vot. L-astensjonijiet ma jżommux milli deċiżjoni tiġi adottata bi qbil reċiproku.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, għandha tintuża proċedura ta' votazzjoni ta' emerġenza f'każijiet fejn kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-BĊE jikkonkludu li nuqqas li urġentement tiġi adottata deċiżjoni ta' għoti jew implimentazzjoni ta' assistenza finanzjarja, kif definit fl-Artikoli 13 sa 18, jipperikola s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro. L-adozzjoni ta' deċiżjoni bi qbil reċiproku mill-Bord tal-Gvernaturi msemmi fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 5(6) u l-Bord tad-Diretturi taħt dik il-proċedura ta' emerġenza teħtieġ maġġoranza kwalifikata ta' 85% tal-voti mitfugħin.

Fejn tintuża l-proċedura ta' emerġenza msemmija fl-ewwel subparagrafu, isir trasferiment mill-fond ta' riżerva u/jew mill-kapital imħallas lil fond ta' riżerva ta' emerġenza sabiex jiġi kostitwit ilqugħ iddedikat sabiex ikopri r-riskji li jirriżultaw mis-sostenn finanzjarju mogħti taħt dik il-proċedura ta' emerġenza. Il-Bord tal-

Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jikkanċella l-fond ta' riżerva ta' emerġenza u jittrasferixxi l-kontenut tiegħu lura fil-fond ta' riżerva u/jew fil-kapital imħallas.

5. L-adozzjoni ta' deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata teħtieġ 80% tal-voti mitfugħa.

6. L-adozzjoni ta' deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi teħtieġ maġġoranza tal-voti mitfugħa.

7. Id-drittijiet tal-vot ta' kull Membru fil-MES, kif eżerċitati mid-delegat jew mir-rappreżentant ta' dan tal-aħħar fil-Bord tal-Gvernaturi jew fil-Bord tad-Diretturi, għandhom ikunu daqs l-għadd ta' ishma allokat lilu fl-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES kif stabbilit fl-Anness II.

8. Fil-każ li xi Membru fil-MES jonqos milli jħallas xi parti mill-ammont dovut fir-rigward tal-obbligi tiegħu b'rabta ma' ishma mixtrija jew ma' eżerċitar tal-kapital taħt l-Artikoli 8, 9 u 10, jew b'rabta mar-rimborż tal-assistenza finanzjarja taħt l-Artikolu 16 jew 17, dan il-Membru fil-MES ma jistax, sakemm iddum din l-inadempjenza, jeżerċita kwalunkwe wieħed mid-drittijiet tal-vot tiegħu. Il-livelli ta' limitu tal-vot għandhom jiġu kalkulati mill-ġdid kif ikun il-każ.

ARTIKOLU 5

Il-Bord tal-Gvernaturi

1. Kull Membru fil-MES għandu jaħtar Gvernatur u sostitut Gvernatur. Dawn il-ħatriet huma revokabbli f'kull waqt. Il-Gvernatur għandu jkun membru tal-gvern ta' dak il-Membru fil-MES li jkun responsabbli għall-finanzi. Is-sostitut Gvernatur għandu jkollu setgħa sħiħa sabiex jaġixxi f'isem il-Gvernatur meta dan tal-aħħar ma jkunx preżenti.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi li jew ikun presedut mill-President tal-Grupp tal-Euro, kif previst fil-Protokoll (Nru 14) dwar il-Grupp tal-Euro anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, jew li jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu għal żmien sentejn. Il-President u l-Viċi President jistgħu jiġu rieletti. Għandha tiġi organizzata elezzjoni ġdida minnufih jekk min ikun qiegħed jokkupa l-kariga ma jkollux aktar il-funzjoni meħtieġa biex jinħatar Gvernatur.

3. Il-Membru tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-affarijiet ekonomiċi u monetarji u l-President tal-BĊE, kif ukoll il-President tal-Grupp tal-Euro (jekk ma jkunx il-President jew Gvernatur), jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala osservaturi.

4. Ir-rappreżentanti ta' Stati Membri mhux taż-żona tal-euro li jieħdu sehem fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-MES f'operazzjoni ta' sostenn għall-istabbiltà għal Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom ukoll jiġu mistiedna jieħdu sehem,

bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi meta jkunu diskussi dan is-sostenn għall-istabbiltà u l-monitoraġġ tiegħu.

5. Persuni oħra, inklużi rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, bħall-FMI, jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tal-Gvernaturi sabiex jattendu għal laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*.

6. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu dawn id-deċiżjonijiet li ġejjin bi qbil reċiproku:

(a) li jikkanċella l-fond ta' riżerva ta' emerġenza u jittrasferixxi l-kontenut tiegħu lura fil-fond ta' riżerva u/jew fil-kapital imħallas, skont l-Artikolu 4(4);

(b) li joħroġ ishma ġodda taħt pattijiet differenti minn dawk ta' parità, skont l-Artikolu 8(2);

(c) li jeżerċita l-kapital, skont l-Artikolu 9(1);

(d) li jbiddel l-istokk ta' kapital awtorizzat u jadatta l-volum massimu tal-għoti ta' self mill-MES, skont l-Artikolu 10(1);

(e) li jikkunsidra l-possibbiltà ta' aġġornament tal-kjavi għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE, skont l-Artikolu 11(3), u tal-bidliet li għandhom isiru fl-Anness I skont l-Artikolu 11(6);

(f) li jipprovdi sostenn għall-istabbiltà mill-MES, inkluża l-kondizzjonalità ta' politika ekonomika kif stabbilit fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 13(3), u jistabbilixxi l-għażla ta' strumenti u l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet, skont l-Artikoli 12 sa 18;

(g) li jagħti mandat lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinnegozja, f'koordinazzjoni mal-BĊE, il-kondizzjonalità ta' politika ekonomika marbuta ma' kull assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 13(3);

(h) li jbiddel il-politika tal-ipprezzar u l-linja gwida tal-ipprezzar għall-assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 20;

(i) li jbiddel il-lista tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja li jistgħu jintużaw mill-MES, skont l-Artikolu 19;

(j) li jistabbilixxi l-modalitajiet għat-trasferiment tas-sostenn mill-FESF lill-MES, skont l-Artikolu 40;

(k) li japprova l-applikazzjoni għas-sħubija fil-MES minn membri ġodda, imsemmija fl-Artikolu 44;

(l) li jagħmel adattamenti lil dan it-Trattat bħala konsegwenza diretta

tal-adeżjoni ta’ membri ġodda, inklużi bidliet li għandhom isiru għad-distribuzzjoni tal-kapital fost Membri fil-MES u l-kalkolu ta' tali distribuzzjoni bħala konsegwenza diretta tal-adeżjoni ta' membru ġdid mal-MES, skont l-Artikolu 44; u

(m) li jiddelega lill-Bord tad-Diretturi l-kompiti elenkati f’dan l-Artikolu.

7. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet li ġejjin b'maġġoranza kwalifikata:

(a) li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tekniċi dettaljati għall-adeżjoni ta’ membru ġdid mal-MES, skont l-Artikolu 44;

(b) jekk ikunx presedut mill-President tal-Grupp tal-Euro jew jeleġġix, b’maġġoranza kwalifikata, il-President u l-Viċi President tal-Bord tal-Gvernaturi, skont il-paragrafu 2;

(c) li jistabbilixxi regolamenti tal-MES u r-regoli tal-proċedura li japplikaw għall-Bord tal-Gvernaturi u l-Bord tad-Diretturi (inkluż id-dritt ta’ stabbiliment ta’ kumitati u korpi sussidjarji), skont il-paragrafu 9;

(d) li jiddetermina l-lista ta’ attivitajiet inkompatibbli mad-dmirijiet ta’ Direttur jew ta’ sostitut Direttur, skont l-Artikolu 6(8);

(e) li jaħtar u jtemm il-mandat tad-Direttur Maniġerjali, skont l-Artikolu 7;

(f) li jistabbilixxi fondi oħra, skont l-Artikolu 24;

(g) dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu għall-irkupru ta’ dejn minn Membru fil-MES, skont l-Artikolu 25(2) u (3);

(h) li japprova l-kontijiet annwali tal-MES, skont l-Artikolu 27(1);

(i) li jaħtar il-membri tal-Bord ta’ Verifika, skont l-Artikolu 30(1);

(j) li japprova lill-awdituri esterni, skont l-Artikolu 29;

(k) li jirrinunzja l-immunità tal-President tal-Bord tal-Gvernaturi, ta’ Gvernatur, ta’ sostitut Gvernatur, ta’ Direttur, ta’ sostitut Direttur jew tad-Direttur Maniġerjali, skont l-Artikolu 35(2);

(l) li jiddetermina r-reġim ta’ tassazzjoni applikabbli għall-persunal tal-MES, skont l-Artikolu 36(5);

(m) dwar xi disputa, skont l-Artikolu 37(2); u

(n) kull deċiżjoni meħtieġa oħra mhux prevista espliċitament f'dan it-Trattat.

8. Il-President għandu jlaqqa' u jippresedi l-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi. Il-Viċi President għandu jippresedi dawn il-laqgħat meta l-President ma jkunx jista' jieħu sehem.

9. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu u r-regolamenti tal-MES.

ARTIKOLU 6

Il-Bord tad-Diretturi

1. Kull Gvernatur għandu jaħtar Direttur wieħed u sostitut Direttur wieħed minn fost persuni ta' kompetenza għolja f'materji ekonomiċi u finanzjarji. Dawn il-ħatriet huma revokabbli f'kull waqt. Is-sostituti Diretturi għandhom ikollhom kull setgħa li jaġixxu f'isem id-Direttur meta dan tal-aħħar ma jkunx preżenti.

2. Il-Membru tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-affarijiet ekonomiċi u monetarji u l-President tal-BĊE jistgħu jaħtru osservatur kull wieħed.

3. Ir-rappreżentanti ta' Stati Membri mhux taż-żona tal-euro li jieħdu sehem fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-MES f'operazzjoni ta' assistenza finanzjarja għal Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom ukoll jiġu mistiedna jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi meta tkun ser tiġi diskussa din l-assistenza finanzjarja u l-monitoraġġ tagħha.

4. Persuni oħra, inklużi rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tal-Gvernaturi sabiex jattendu laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata, sakemm ma jiġix stipulat diversament f'dan it-Trattat. Id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu abbażi ta' setgħat delegati mill-Bord tal-Gvernaturi għandhom jiġu adottati skont ir-regoli relevanti tal-votazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 5(6) u (7).

6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord tal-Gvernaturi kif stabbilit fl-Artikolu 5, il-Bord tad-Diretturi għandu jiżgura li l-MES ikun immexxi skont dan it-Trattat u r-regolamenti tal-MES adottati mill-Bord tal-Gvernaturi. Għandu jieħu deċiżjonijiet kif previst f'dan it-Trattat jew li jiġu delegati lilu mill-Bord tal-Gvernaturi.

7. Kull post vakanti fil-Bord tad-Diretturi għandu jimtela minnufih skont il-paragrafu 1.

8. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi liema attivitajiet huma inkompatibbli mad-dmirijiet ta' Direttur jew ta' sostitut Direttur, mar-regolamenti

tal-MES u mar-regoli ta’ proċedura tal-Bord tad-Diretturi.

ARTIKOLU 7

Id-Direttur Maniġerjali

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jinħatar mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost kandidati li jkollhom in-nazzjonalità ta’ Membru fil-MES, esperjenza internazzjonali relevanti u livell għoli ta’ kompetenza f’materji ekonomiċi u finanzjarji. Waqt li jkun fil-kariga, id-Direttur Maniġerjali ma jistax ikun Gvernatur jew Direttur jew sostitut ta' xi wieħed minnhom.

2. Il-mandat tad-Direttur Maniġerjali għandu jkun ta’ ħames snin. Huwa jista’ jinħatar mill-ġdid għal darba biss. Id-Direttur Maniġerjali għandu, madankollu, jieqaf mill-kariga tiegħu meta l-Bord tal-Gvernaturi hekk jiddeċiedi.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jippresedi l-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi u għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi.

4. Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun il-kap tal-persunal tal-MES. Huwa għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni, ħatra u tkeċċija tal-persunal skont ir-regoli dwar il-persunal li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.

5. Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-MES u għandu jmexxi, taħt id-direzzjoni tal-Bord tad-Diretturi, l-attivitajiet attwali tal-MES.

KAPITOLU 3

KAPITAL

ARTIKOLU 8

Stokk ta’ kapital awtorizzat

1. L-istokk ta’ kapital awtorizzat għandu jkun ta’ EUR 700 000 miljun. Għandu jinqasam f’seba’ miljun sehem, kull wieħed b’valur nominali ta’ EUR 100,000, li għandhom ikunu disponibbli għas-sottoskrizzjoni skont il-kjavi ta’ kontribuzzjoni inizjali prevista fl-Artikolu 11 u kalkulata fl-Anness I.

2. L-istokk ta’ kapital awtorizzat għandu jinqasam f’ishma mixtrija u f’ishma li jistgħu jiġu rikjamati. Il-valur nominali aggregat totali inzjali tal-ishma mixtrija għandu jkun ta’ EUR 80 000 miljun. L-ishma ta’ kapital awtorizzat sottoskritti inizjalment għandhom jinħarġu b’paritá. Ishma oħra għandhom jinħarġu b’paritá, sakemm il-Bord tal-Gvernaturi ma jiddeċidix li joħroġhom f’ċirkustanzi speċjali taħt pattijiet oħra.

3. L-ishma fl-istokk ta’ kapital awtorizzat ma għandhomx ikunu

assoġġettati għal xi debitu jew mirhuna bi kwalunkwe mod u ma għandhomx ikunu trasferibbli, għajr għal trasferimenti għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-aġġustamenti tal-kjavi ta' kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 11 sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma tkun tikkorrispondi għall-kjavi aġġustata.

4. Il-Membri fil-MES b'dan jimpenjaw irwieħhom irrevokabbilment u inkondizzjonalment li jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-istokk ta' kapital awtorizzat, skont il-kjavi ta' kontrubuzzjoni fl-Anness I. Huma għandhom jikkonformaw mal-eżerċizzji kollha dwar il-kapital b'mod f'waqtu skont il-pattijiet stipulati f'dan it-Trattat.

5. Ir-responsabbiltà ta' kull Membru fil-MES għandha tkun limitata, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-porzjon tiegħu tal-istokk ta' kapital awtorizzat mal-prezz tal-ħruġ tiegħu. L-ebda Membru fil-MES ma għandu jkun responsabbli, minħabba s-sħubija tiegħu, għall-obbligi tal-MES. L-obbligi tal-Membri fil-MES li jikkontribwixxu għall-istokk ta' kapital awtorizzat skont dan it-Trattat ma jintlaqtux jekk kwalunkwe tali Membru fil-MES isir eliġibbli għal, jew ikun qed jirċievi, assistenza finanzjarja mill-MES.

ARTIKOLU 9

Eżerċitar tal-kapital

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jeżerċita kapital awtorizzat mhux imħallas f'kull waqt u jistipula perijodu adegwat ta' żmien għall-ħlas tiegħu mill-Membri fil-MES.

2. Il-Bord tad-Diretturi jista' jeżerċita kapital awtorizzat mhux imħallas b'deċiżjoni ta' maġġoranza sempliċi biex jirristawra l-livell ta' kapital imħallas jekk l-ammont ta' dan tal-aħħar jitnaqqas bl-assorbiment tat-telf taħt il-livell stabbilit fl-Artikolu 8(2), skont kif jista' jiġi emendat mill-Bord tal-Gvernaturi b'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 10, u jistabbilixxi perijodu xieraq ta' żmien għall-ħlas tiegħu mill-Membri fil-MES.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jeżerċita kapital awtorizzat mhux imħallas b'mod f'waqtu jekk dan ikun meħtieġ biex jevita li l-MES ikun inadempjenti fir-rigward ta' xi obbligu skedat jew obbligu ta' ħlas ieħor dovut lill-krediturі tal-MES. Id-Direttur Maniġerjali għandu jinforma lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord tal-Gvernaturi b'kull sejħa bħal din. Meta tiġi identifikata defiċenza potenzjali fil-fondi tal-MES, id-Direttur Maniġerjali għandu jagħmel tali eżerċitar kapitali minnufih biex jiġi żgurat li l-MES ikollu fondi suffiċjenti biex jagħmel kompletament il-ħlasijiet dovuti lill-krediturі fid-data meta jiskadu. Il-Membri fil-MES b'dan, irrevokabilment u inkondizzjonalment, jimpenjaw irwieħhom li jħallsu kull eżerċizzju fuq kapital malli jintalbu jagħmlu dan mid-Direttur Maniġerjali taħt dan il-paragrafu, u dik it-talba għandha titħallas fi żmien sebat ijiem minn meta tiġi riċevuta.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-pattijiet u kondizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għall-eżerċizzji fuq kapital konformement ma' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 10

Bidliet fl-istokk ta' kapital awtorizzat

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jirrivedi regolarment u mill-inqas kull ħames snin il-volum massimu tal-għoti ta' self u l-adegwatezza tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES. Jista' jiddeċiedi li jbiddel l-istokk ta' kapital awtorizzat u jemenda l-Artikolu 8 u l-Anness II skont il-każ. Tali deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Membri fil-MES ikunu nnotifikaw lid-Depożitarju bit-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli tagħhom. L-ishma l-ġodda għandhom jiġu allokati lill-Membri fil-MES skont il-kjavi ta' kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 11 u fl-Anness I.

2. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-pattijiet u kondizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għall-bidliet kapitali kollha jew uħud minnhom li jkunu saru taħt il-paragrafu 1.

3. Malli Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jsir Membru ġdid fil-MES, l-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES għandu jiżdied awtomatikament billi jiġu multiplikati l-ammonti rispettivi li jkunu prevalenti f'dak iż-żmien bil-proporzjon, fil-limiti tal-kjavi ta' kontribuzzjoni aġġustata prevista fl-Artikolu 11, bejn il-peżatura tal-Membru l-ġdid fil-MES u l-peżatura tal-Membri eżistenti fil-MES.

ARTIKOLU 11

Il-kjavi ta' kontribuzzjoni

1. Il-kjavi ta' kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni għall-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES għandha, bla ħsara għall-paragrafi 2 u 3, tkun ibbażata fuq il-kjavi għas-sottoskrizzjoni, mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Membri fil-MES, fil-kapital tal-BĊE skont l-Artikolu 29 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-"Istatuti tas-SEBĊ") anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE.

2. Il-kjavi ta' kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES hija speċifikata fl-Anness I.

3. Il-kjavi tal-kontribuzzjoni għas-sottoksrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES għandha tiġi aġġustata meta:

a) Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jsir Membru ġdid fil-MES u l-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES jiżdied awtomatikament, kif speċifikat fl-Artikolu 10(3); jew

b) tintemm il-korrezzjoni temporanja ta' tnax-il sena applikabbli għal Membru fil-MES stabbilita skont l-Artikolu 42.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jikkunsidra l-aġġornamenti possibbli fil-kjavi għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE msemmija fil-paragrafu 1 meta l-kjavi tal-kontribuzzjoni tiġi aġġustata skont il-paragrafu 3 jew meta jkun hemm bidla fl-istokk ta' kapital awtorizzat, kif speċifikat fl-Artikolu 10(1).

5. Meta l-kjavi ta' kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES tiġi aġġustata, il-Membri fil-MES għandhom jittrasferixxu bejniethom stokk ta' kapital awtorizzat safejn ikun suffiċjenti biex jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tkun tikkorrispondi għall-kjavi aġġustata.

6. L-Anness I għandu jiġi emendat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi malli jsir kwalunkwe aġġustament imsemmi f'dan l-Artikolu.

7. Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU 4

OPERAZZJONIJIET

ARTIKOLU 12

Prinċipji

1. Jekk ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha, il-MES jista' jipprovdi sostenn għall-istabbiltà lil Membru fil-MES soġġett għal kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul. Tali kondizzjonalità tista' tvarja minn programm ta' aġġustament makroekonomiku sal-osservanza kontinwa ta' kondizzjonijiet prestabbiliti ta' eliġibbiltà.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, is-sostenn għall-istabbiltà mill-MES jista' jingħata permezz tal-istrumenti previsti fl-Artikoli 14 sa 18.

3. Għandhom jiġu inklużi, mill-1 ta' Jannar 2013, klawżoli dwar azzjoni kollettiva fit-titoli tal-gvern ġodda kollha taż-żona tal-euro, li jkollhom maturità itwal minn sena, b'mod li jiżgura li l-impatt legali tagħhom ikun identiku.

ARTIKOLU 13

Proċedura għall-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà

1. Membru fil-MES jista' jindirizza talba għal sostenn għall-istabbiltà lill-

President tal-Bord tal-Gvernaturi. Tali talba għandha tindika l-istrument jew strumenti ta' assistenza finanzjarja li għandhom jiġu kkunsidrati. Meta jirċievi tali talba, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jinkariga lill-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-BĊE, bil-kompiti li ġejjin:

(a) l-istima tal-eżistenza ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament jew tal-Istati Membri tagħha, sakemm il-BĊE ma jkunx diġà preżenta analiżi taħt l-Artikolu 18;

(b) l-istima jekk id-dejn pubbliku huwiex sostenibbli. Fejn xieraq u possibbli, tali stima hija mistennija li ssir flimkien mal-FMI;

(c) l-istima tal-ħtiġijiet attwali jew potenzjali ta' finanzjament tal-Membru konċernat fil-MES.

2. Abbażi tat-talba mill-Membru fil-MES u l-istima msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti, fil-prinċipju, sostenn għall-istabbiltà lill-Membru konċernat fil-MES fil-forma ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja.

3. Jekk tiġi adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 2, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiinkariga lill-Kummissjoni Ewropea - f'koordinazzjoni mal-BĊE u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI - bil-kompitu li tinnegozja mal-Membru konċernat fil-MES, memorandum ta' qbil ("MoU") li jispeċifika f'dettal il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja. Il-kontenut tal-MoU għandu jirrifletti s-severità tad-dgħufijiet li għandhom jiġu inidrizzati u l-forma magħżula tal-assistenza finanzjarja. Fl-istess waqt, id-Direttur Maniġerjali tal-MES għandu jħejji proposta għal ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, inklużi l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet u l-għażla ta' strumenti, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-MoU għandu jkun għalkollox konsistenti mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti fit-TFUE, partikolarment ma' kull att fil-liġi tal-Unjoni Ewropea, inkluża kull opinjoni, twissija, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni indirizzata lill-Membru fil-MES konċernat.

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffirma l-MoU f'isem il-MES, soġġett għall-konformità minn qabel tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 u l-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova l-ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja li jkun jispeċifika f'dettal l-aspetti finanzjarji tas-sostenn għall-istabbiltà li għandu jingħata u, fejn applikabbli, il-ħlas tal-ewwel parti tal-assistenza.

6. Il-MES għandu jistabbilixxi sistema ta' twissija adatta biex jiżgura li jirċievi f'waqtu kwalunkwe ħlas lura dovut mill-Membru fil-MES taħt is-sostenn

għall-istabbiltà.

7. Il-Kummissjoni Ewropea - f'koordinazzjoni mal-BĊE u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI - għandha tkun inkarigata timmonitorja l-konformità mal-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja.

ARTIKOLU 14

Assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja prekawzjonarja fil-forma ta' linja ta' kreditu kondizzjonata prekawzjonarja jew fil-forma ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet rinforzati skont l-Artikolu 12(1).

2. Il-kondizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).

3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7), jekk għandhiex tinżamm il-linja ta' kreditu.

6. Wara li Membru fil-MES ikun ġibed fondi għall-ewwel darba (permezz ta' self jew xiri f'suq primarju), il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku, fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u abbażi ta' stima mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-BĊE, jekk il-linja ta' kreditu tibqax adegwata jew jekk hijiex meħtieġa forma oħra ta' assistenza finanzjarja.

ARTIKOLU 15

Assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja permezz ta' self lil Membru fil-MES għall-għan speċifiku tar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarja f'dak il-Membru fil-MES.

2. Il-kondizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji tal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES.

5. Fejn applikabbli, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja sussegwentement għall-ewwel segment.

ARTIKOLU 16

Self mill-MES

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja fil-forma ta' self lil Membru fil-MES, skont l-Artikolu 12.

2. Il-kondizzjonalità marbuta ma' self mill-MES għandha tkun fi programm ta' aġġustament makroekonomiku mogħti f'dettal fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).

3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji ta' kull self mill-MES għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' self mill-MES.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja sussegwentement għall-ewwel segment.

ARTIKOLU 17

Faċilità ta' sostenn fis-suq primarju

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħmel arranġamenti għax-xiri ta' bonds ta' Membru fil-MES fis-suq primarju, skont l-Artikolu 12 u bl-għan li jkabbar kemm jista' jkun l-effiċjenza, fir-rigward tal-kostijiet, tal-assistenza finanzjarja.

2. Il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' sostenn fis-suq primarju

għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).

3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji li taħthom isir ix-xiri ta' *bonds* għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' sostenn fis-suq primarju.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tal-assistenza finanzjarja lil Stat Membru benefiċjarju permezz ta' operazzjonijiet fis-suq primarju.

ARTIKOLU 18

Faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħmel arranġamenti għal operazzjonijiet fis-suq sekondarju relattivament għall-*bonds* ta' Membru fil-MES skont l-Artikolu 12(1).

2. Id-deċiżjonijiet dwar interventi fis-suq sekondarju sabiex jiġi indirizzat il-kontaġju għandhom jittieħdu abbażi ta' analiżi tal-BĊE li tagħraf l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tas-suq finanzjarju u ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

3. Il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).

4. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji li taħthom għandhom isiru l-operazzjonijiet fis-suq sekondarju għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju.

6. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi, bi qbil reċiproku, fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali, dwar il-bidu ta' operazzjonijiet fis-suq sekondarju.

ARTIKOLU 19

Reviżjoni tal-lista ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirrivedi l-lista ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja previsti fl-Artikoli 14 sa 18 u jiddeċiedi li jagħmlilha bidliet.

A 320

ARTIKOLU 20

Il-politika tal-ipprezzar

1. Meta jagħti sostenn għall-istabbiltà, il-MES għandu jimmira sabiex ikopri kompletament il-kostijiet tal-iffinanzjar u tal-operazzjonijiet u għandu jinkludi marġni adegwat.

2. Għall-istrumenti kollha tal-assistenza finanzjarja, l-ipprezzar għandu jiġi dettaljat f'linja gwida dwar l-ipprezzar, li għandha tiġi adottata mill-Bord tal-Gvernaturi.

3. Il-politika tal-ipprezzar tista' tiġi riveduta mill-Bord tal-Gvernaturi.

ARTIKOLU 21

Operazzjonijiet ta' teħid ta' self

1. Il-MES b'dan jingħata s-setgħa li jissellef fis-swieq kapitali minn banek, istituzzjonijiet finanzjarji jew persuni jew istituzzjonijiet oħra biex iwettaq l-għan tiegħu.

2. Il-modalitajiet tal-operazzjonijiet tat-teħid tas-self għandhom jiġu determinati mid-Direttur Maniġerjali, skont il-linji gwida dettaljati li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.

3. Il-MES għandu juża strumenti adatti għall-immaniġġar tar-riskju, li għandhom jiġu riveduti regolarment mill-Bord tad-Diretturi.

KAPITOLU 5

AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA

ARTIKOLU 22

Politika ta' investiment

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jimplimenta politika prudenti ta' investiment għall-MES, sabiex jiżgura l-ogħla affidabbiltà kreditizja tiegħu, skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati u riveduti regolarment mill-Bord tad-Diretturi. Il-MES ikun intitolat juża parti mir-redditu mill-portafoll tiegħu ta' investimenti biex ikopri l-kostijiet operattivi u amministrattivi.

2. L-operazzjonijiet tal-MES għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba u tal-immaniġġar tajjeb tar-riskju.

ARTIKOLU 23

Il-politika dwar id-dividendi

1. Il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi, permezz ta' maġġoranza sempliċi, li jqassam dividend lill-Membri fil-MES fejn l-ammont tal-kapital imħallas u l-fond ta' riżerva jeċċedu l-livell meħtieġ mill-MES biex iżomm il-kapaċità tiegħu tal-għoti ta' self u fejn ir-rikavat mill-investiment ma jkunx meħtieġ biex tiġi evitata l-inadempjenza fil-ħlas lill-kredituri. Id-dividendi jitqassmu *pro rata* skont il-kontribuzzjonijiet fil-kapital imħallas, b'kont meħud tal-aċċelerament possibbli msemmi fl-Artikolu 41(3).

2. Sakemm il-MES ma jkunx ipprovda assistenza finanzjarja lil xi wieħed mill-membri tiegħu, ir-rikavat mill-investiment tal-kapital imħallas tal-MES għandu jiġi ritornat lill-Membri fil-MES skont il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom fil-kapital imħallas, wara li jitnaqqsu l-kostijiet operattivi, sakemm il-kapaċità effettiva mmirata ta' għoti ta' self tkun għalkollox disponibbli.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jimplimenta l-politika dwar id-dividendi għall-MES skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.

ARTIKOLU 24

Fondi ta' riżerva u fondi oħra

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi fond ta' riżerva u, fejn ikun il-każ, fondi oħra.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, l-introjtu nett iġġenerat mill-operazzjonijiet tal-MES u r-rikavat mis-sanzjonijiet finanzjarji riċevuti mill-Membri fil-MES taħt il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali, il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi stabbiliti taħt it-TFUE għandhom jitwarrbu f'fond ta' riżerva.

3. Ir-riżorsi tal-fond ta' riżerva għandhom jiġu investiti skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta dawk ir-regoli li jistgħu jkunu meħtieġa għall-istabbiliment, amministrazzjoni u użu ta' fondi oħra.

ARTIKOLU 25

Il-kopertura tat-telf

1. It-telf li jirriżulta mill-operazzjonijiet tal-MES għandu jiġi addebitat:

(a) l-ewwel, lill-fond ta' riżerva;

(b) it-tieni, lill-kapital imħallas; u

(c) fl-aħħarnett, lil ammont xieraq ta' kapital awtorizzat mhux imħallas, li għandu jiġi rikjamat skont l-Artikolu 9(3).

2. Jekk Membru fil-MES jonqos milli jagħmel il-ħlas meħtieġ skont l-eżerċitar tal-kapital magħmul skont l-Artikolu 9(2) jew (3), għandu jsir eżerċizzju rivedut u miżjud ta' kapital fir-rigward tal-Membri kollha fil-MES bil-għan li jiġi żgurat li l-MES jirċievi l-ammont totali tal-kapital imħallas li jkun meħtieġ. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar strateġija xierqa ta' azzjoni biex jiżgura li l-Membru konċernat fil-MES isalda d-dejn tiegħu mal-MES f'perijodu raġonevoli ta' żmien. Il-Bord tal-Gvernaturi jkollu d-dritt li jesiġi l-ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza fuq l-arretrati.

3. Meta Membru fil-MES isalda d-dejn tiegħu mal-MES, kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-kapital żejjed għandu jiġi ritornat lill-Membri l-oħra fil-MES skont regoli li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

ARTIKOLU 26

Il-baġit

Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova kull sena l-baġit tal-MES.

ARTIKOLU 27

Kontabbiltà annwali

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu japprova l-kontijiet annwali tal-MES.

2. Il-MES għandu jippubblika rapport annwali li jinkludi rapport verifikat tal-kontijiet tiegħu u għandu jiċċirkola lill-Membri fil-MES rapport sommarju trimestrali dwar il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu u rapport ta' profitt u telf li juru r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu.

ARTIKOLU 28

Verifika interna

Għandha tiġi stabbilita funzjoni ta' verifika interna skont *standards* internazzjonali.

ARTIKOLU 29

Verifika esterna

Il-kontijiet tal-MES għandhom jiġu verifikati minn awdituri indipendenti esterni approvati mill-Bord tal-Gvernaturi u responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tar-rapporti finanzjarji annwali. L-awdituri esterni għandhom ikollhom setgħa sħiħa sabiex jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet kollha tal-MES u jiksbu informazzjoni kompleta dwar it-transazzjonijiet tiegħu.

ARTIKOLU 30

Il-Bord tal-Awdituri

1. Il-Bord tal-Awdituri għandu jikkonsisti minn ħames membri maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi għall-kompetenza tagħhom f'oqsma ta' verifika u ta' finanzi u għandu jinkludi żewġ membri mill-istituzzjonijiet supremi tal-verifika tal-membri fil-MES - b'rotazzjoni bejn dawn tal-aħħar - u wieħed mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2. Il-Membri tal-Bord tal-Awdituri għandhom ikunu indipendenti. La għandhom ifittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet mill-korpi governattivi tal-MES, mill-Membri fil-MES jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

3. Il-Bord tal-Awdituri għandu jfassal verifiki indipendenti. Għandu jispezzjona l-kontijiet tal-MES u jivverifika li l-kontijiet operattivi u l-karta tal-bilanċ ikunu korretti. Għandu jkollu aċċess sħiħ għal kwalunkwe dokument tal-MES meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti tiegħu.

4. Il-Bord tal-Awdituri jista' jinforma lill-Bord tad-Diretturi f'kull waqt dwar il-konklużjonijiet tiegħu. Fuq bażi annwali, għandu jfassal rapport li għandu jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi.

5. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħmel ir-rapport annwali aċċessibbli lill-Parlamenti nazzjonali u lill-istituzzjonijiet supermi tal-verifika tal-Membri tal-MES u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

6. Kull materja relatata ma' dan l-Artikolu għandha tkun dettaljata fir-regolamenti tal-MES.

KAPITOLU 6

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 31

Sede

1. Il-MES għandu jkollu s-sede u l-uffiċċju prinċipali tiegħu fil-Lussemburgu.

2. Il-MES jista' jistabbilixxi uffiċċju ta' kollegament fi Brussell.

ARTIKOLU 32

Status ġuridiku, privileġġi u immunitajiet

1. Sabiex il-MES iwettaq l-għan tiegħu, l-istatus ġuridiku u l-privileġġi u

immunitajiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jingħataw lill-MES fit-territorju ta' kull Membru fil-MES. Il-MES għandu jfittex li jikseb rikonoxximent tal-istatus ġuridiku tiegħu u tal-privileġġi u immunitajiet tiegħu f'territorji oħrajn fejn ikun iwettaq funzjonijiet jew jipposjedi assi.

2. Il-MES għandu jkollu personalità ġuridika sħiħa; għandu jkollu kapaċità ġuridika sħiħa li:

(a) jakkwista u jiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli;

(b) jagħmel kuntratti;

(c) ikun parti fi proċedimenti legali; u

(d) jidħol fi ftehim dwar kwartieri ġenerali u/jew fi protokolli kif ikun meħtieġ biex jiżgura li l-istatus ġuridiku tiegħu u l-privileġġi u immunitajiet tiegħu ikunu rikonoxxuti u infurzati.

3. Il-MES, il-proprjetà, il-finanzjament u l-assi tiegħu, irrispettivament minn fejn ikunu u minn min ikollu l-pussess tagħhom, għandhom ikollhom immunità minn kull forma ta' proċess ġudizzjarju għajr safejn il-MES espressament jirrinunzja għall-immunità tiegħu għall-fini ta' kwalunkwe proċediment jew skont it-termini ta' kwalunkwe kuntratt, inkluża d-dokumentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament.

4. Il-proprjetà, il-finanzjament u l-assi tal-MES għandhom ikollhom, irrispettivament minn fejn ikunu u minn min ikollu l-pussess tagħhom, immunità mit-tfittxija, mir-rekwiżizzjoni, mill-konfiska, mill-esproprjazzjoni jew minn kwalunkwe forma oħra ta' qbid, teħid jew *foreclosure* b'azzjoni eżekuttiva, ġudizzjarja, amministrattiva jew leġiżlattiva.

5. L-arkivji tal-MES u d-dokumenti kollha li jappartjenu lill-MES jew li jkunu fil-pussess tiegħu, għandhom ikunu invjolabbli.

6. Il-binjiet, u l-pertinenzi tagħhom, tal-MES għandhom ikunu invjolabbli.

7. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali tal-MES għandhom jingħataw minn kull Membru fil-MES u minn kull Stat li jkun irrikonoxxa l-istatus ġuridiku u l-privileġġi u immunitajiet tal-MES, l-istess trattament li jingħataw lill-komunikazzjonijiet uffiċjali ta' Stat li jkun Membru fil-MES.

8. Safejn ikun meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet previsti f'dan it-Trattat, il-proprjetà, finanzjament u assi kollha tal-MES għandhom ikunu ħielsa minn restrizzjonijiet, regolamenti, kontrolli u moratorji ta' kull xorta.

9. Il-MES għandu jiġi eżentat minn kull rekwiżit sabiex jiġi awtorizzat jew liċenzjat bħala istituzzjoni ta' kreditu, fornitur tas-servizzi ta' investiment jew bħala kwalunkwe entità, liċenzjata jew regolata, awtorizzata oħra taħt il-liġijiet ta'

kull Membru fil-MES.

ARTIKOLU 33

Il-persunal tal-MES

Il-Bord tad-Diretturi għandu jistipula l-kondizzjonijiet ta' impjieg tad-Direttur Maniġerjali u tal-persunal l-ieħor tal-MES.

ARTIKOLU 34

Segretezza professjonali

Il-Membri jew Membri preċedenti tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Bord tad-Diretturi u kull persuna oħra li taħdem jew li tkun ħadmet għall-MES jew b'konnessjoni mal-MES ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni li tkun soġġetta għas-segretezza professjonali. Għandu jkun meħtieġ minnhom, ukoll wara li jintemmu l-inkarigi tagħhom, li ma jiżvelawx informazzjoni tat-tip kopert bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

ARTIKOLU 35

Immunità ta' persuni

1. Fl-interess tal-MES, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi, il-Gvernaturi, is-sostituti Gvernaturi, id-Diretturi, is-sostituti Diretturi, kif ukoll id-Direttur Maniġerjali u l-membri l-oħra tal-persunal għandhom ikollhom immunità minn proċidementi legali fir-rigward tal-atti mwettqa minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom u għandhom igawdu minn invjolabbiltà fir-rigward tal-karti u d-dokumenti uffiċjali tagħhom.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirrinunzja safejn u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huwa jiddetermina għal kwalunkwe immunità konferita taħt dan l-Artikolu fir-rigward tal-President tal-Bord tal-Gvernaturi, ta' Gvernatur, ta' sostitut Gvernatur, ta' Direttur, ta' sostitut Direttur jew tad-Direttur Maniġerjali.

3. Id-Direttur Maniġerjali jista' jirrinunzja għal kwalunkwe immunità bħal dik fir-rigward ta' kwalunkwe membru tal-persunal tal-MES għajr tiegħu nnifsu.

4. Kull Membru fil-MES għandu jieħu minnufih l-azzjoni meħtieġa għall-finijiet li jagħti effett lil dan l-Artikolu taħt it-termini tal-liġi tiegħu stess u għandu jinforma lill-MES b'dan.

ARTIKOLU 36

Eżenzjoni mit-taxxa

1. Fl-ambitu tal-attivitajiet uffiċjali tiegħu, il-MES, l-assi, l-introjtu, il-

proprjetà u l-operazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet tiegħu awtorizzati b'dan it-Trattat għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa diretta.

2. Il-Membri fil-MES għandhom, kull fejn ikun possibbli, jieħdu l-miżuri adegwati biex jagħtu lura jew jirrimborżaw l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli fejn il-MES jagħmel, għall-użu uffiċjali tiegħu, akkwisti sostanzjali, li l-prezz tagħhom ikun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta.

3. L-ebda eżenzjoni ma għandha tingħata fir-rigward ta' taxxi u debiti li jkunu biss imposti għal servizzi ta' utilità pubblika.

4. L-oġġetti importati mill-MES u meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attivitajiet uffiċjali tiegħu għandhom ikunu eżenti minn kull dazju u taxxa tal-importazzjoni u minn kull projbizzjoni u restrizzjoni tal-importazzjoni.

5. Il-persunal tal-MES għandu jkun soġġett għal taxxa interna għall-benefiċċju tal-MES fuq is-salarji u emolumenti mħallsa mill-MES, soġġett għar-regoli li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi. Mid-data li fiha tiġi applikata din it-taxxa, dawk is-salarji u emolumenti għandhom ikunu eżenti mit-taxxa nazzjonali fuq l-introjtu.

6. Ma għandha tiġi imposta ebda taxxa ta' ebda tip fuq xi obbligu jew titolu maħruġ mill-MES, inkluż kull imgħax jew dividend fuqhom irrispettivament mid-detentur tagħhom:

(a) li tiddiskrimina kontra tali obbligu jew titolu purament minħabba l-oriġini tiegħu; jew

(b) jekk l-unika bażi ġuriżdizzjonali għal tali taxxa tkun il-post jew il-valuta li fihom tkun adottata, saret pagabbli jew tħallset, jew il-lokalità ta' xi uffiċċju jew post tan-negozju li l-MES ikollu.

ARTIKOLU 37

Interpretazzjoni u riżoluzzjoni ta' disputi

1. Kull kwistjoni ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat u tar-regolamenti tal-MES li tqum bejn kwalunkwe Membru fil-MES u l-MES, jew fost il-Membri fil-MES, għandha titressaq quddiem il-Bord tad-Diretturi għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar kull disputa li tqum bejn Membru fil-MES u l-MES, jew fost il-Membri fil-MES, marbuta mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat, inkluża kull disputa dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjonijiet adottati mill-MES ma' dan it-Trattat. Il-voti tal-membru jew membri tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Membru jew Membri konċernati fil-MES għandhom ikunu sospiżi meta l-Bord tal-Gvernaturi jivvota dwar tali

deċiżjoni u l-livell limitu meħtieġ ta' voti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid skont il-każ.

3. Jekk Membru fil-MES jikkontesta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, id-disputa għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet kollha fil-proċedura, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perijodu li għandu jiġi deċiż minn dik il-Qorti.

ARTIKOLU 38

Kooperazzjoni internazzjonali

Il-MES għandu d-dritt, sabiex iwettaq l-għanijiet tiegħu, li jikkoopera, fil-kuntest tal-pattijiet ta' dan it-Trattat, mal-FMI, ma' kwalunkwe Stat li jipprovdi assistenza finanzjarja lil xi Membru fil-MES fuq bażi *ad hoc* u ma' kull organizzazzjoni jew entità internazzjonali li jkollha responsabilitajiet speċjalizzati f'oqsma relatati.

KAPITOLU 7

ARRANĠAMENTI TRANŻIZZJONALI

ARTIKOLU 39

Relazzjoni mas-self tal-FESF

Matul il-fażi tranżizzjonali li tkopri l-perijodu mid-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat sal-eżawriment totali tal-FESF, l-għoti ta' self konsolidat mill-MES u l-FESF ma għandux jeċċedi EUR 500 000 miljun, mingħajr preġudizzju għar-reviżjoni regolari tal-adegwatezza tal-volum massimu tal-għoti ta' self skont l-Artikolu 10. Il-Bord tad-Direttur għandu jadotta linji gwida dettaljati dwar il-kalkolu tal-kapaċità ta' impenn bil-quddiem biex jiżgura li l-limitu massimu konsolidat tal-għoti ta' self ma jinqabiżx.

ARTIKOLU 40

Trasferiment ta' sostenn mill-FESF

1. B'deroga mill-Artikolu 13, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li l-impenji tal-FESF li jipprovdi assistenza finanzjarja lil xi Membru fil-MES taħt il-ftehim tiegħu ma' dak il-membru għandu jidħol għalihom il-MES safejn dawn l-impenji jkunu relatati mal-partijiet mhux imħallsa u mhux finanzjati tal-faċilitajiet ta' self.

2. Il-MES jista', jekk ikun awtorizzat mill-Bord tal-Gvernaturi tiegħu, jakkwista d-drittijiet u jidħol għall-obbligi tal-FESF, partikolarment fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi pendenti tiegħu kollha jew ta' parti minnhom taħt il-

faċilitajiet eżistenti tagħha ta’ self u ta’ dawk marbutin magħhom.

3. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jadotta l-modalitajiet dettaljati meħtieġa biex jagħti effett lit-trasferiment tal-obbligi mill-FESF lill-MES, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u kwalunkwe trasferiment ta’ drittijiet u obbligi kif deskritt fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 41

Il-ħlas tal-kapital inizjali

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-ħlas tal-ishma mħallsa tal-ammont inizjalment sottoskritt minn kull Membru fil-MES għandu jsir f’ħames pagamenti parzjali annwali ta’ 20% kull wieħed mill-ammont totali. L-ewwel pagament parzjali għandu jitħallas minn kull Membru fil-MES fi żmien ħmistax-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan it-Trattat. L-erba’ pagamenti parzjali li jifdal għandhom jitħallsu individwalment fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet u fir-raba’ anniversarji tad-data tal-ħlas tal-ewwel pagament parzjali.

2. Matul il-perijodu ta’ ħames snin ta’ ħlas kapitali permezz ta’ pagamenti parzjali, il-Membri fil-MES għandhom jaċċeleraw il-ħlas tal-ishma mħallsa, b’mod f’waqtu qabel id-data tal-emissjoni, sabiex jinżamm proporzjon minimu ta’ 15% bejn il-kapital imħallas u l-ammont pendenti tal-emissjonijiet tal-MES u jiggarantixxu kapaċità kombinata minima ta’ għoti ta' self mill-MES u mill-FESF ta’ EUR 500 000 miljun.

3. Membru tal-MES jista’ jiddeċiedi li jaċċelera l-ħlas tas-sehem tiegħu ta’ kapital imħallas.

ARTIKOLU 42

Korrezzjoni temporanja tal-kjavi ta’ kontribuzzjoni

1. Fil-bidunett, il-Membri fil-MES għandhom jissottoskrivu l-istokk ta’ kapital awtorizzat abbażi tal-kjavi ta’ kontribuzzjoni inizjali kif speċifikat fl-Anness I. Il-korrezzjoni temporanja inkluża f’din il-kjavi inizjali ta’ kontribuzzjoni għandha tapplika għal perijodu ta’ tnax-il sena wara d-data tal-adozzjoni tal-euro mill-Membru konċernat fil-MES.

2. Jekk il-prodott domestiku gross (PDG) ta’ Membru ġdid fil-MES, *per capita* bil-prezzijiet tas-suq f’euro fis-sena li tippreċedi immedjatament l-adeżjoni tiegħu mal-MES, ikun anqas minn 75% tal-PDG medju tal-Unjoni Ewropea *per capita* bil-prezzijiet tas-suq, konsegwentement il-kjavi ta’ kontribuzzjoni tiegħu għas-sottoskrizzjoni tal-istokk ta’ kapital awtorizzat tal-MES, stabbilit skont l-Artikolu 10, għandha tibbenefika minn korrezzjoni temporanja u ssir ugwali għas-somma ta’:

a) 25% tas-sehem perċentwal fil-kapital tal-BĊE tal-bank ċentrali

nazzjonali ta’ dak il-Membru fil-MES, stabbilit skont l-Artikolu 29 tal-Istatuti tas-SEBĊ; u

b) 75% tas-sehem perċentwal ta’ dak il-Membru fil-MES fl-introjtu nazzjonali gross (ING) taż-żona tal-euro bil-prezzijiet tas-suq f’euro fis-sena li tippreċedi immedjatament l-adeżjoni tiegħu mal-MES.

Il-perċentwali msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu arrotondati ’l fuq jew ’l isfel għall-eqreb multiplu ta’ 0,0001 punti perċentwali. It-termini statistiċi għandhom ikunu dawk pubblikati mill-Eurostat.

3. Il-korrezzjoni temporanja msemmija fil-paragrafu 2 għandha tapplika għal perijodu ta’ tnax-il sena mid-data tal-adozzjoni tal-euro mill-Membru konċernat fil-MES.

4. Bħala riżultat tal-korrezzjoni temporanja tal-kjavi, il-proporzjon rilevanti tal-ishma allokati lil Membru fil-MES taħt il-paragrafu 2 għandu jiġi allokat mill-ġdid fost il-Membri fil-MES li ma jibbenefikawx minn korrezzjoni temporanja abbażi tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħhom fil-BĊE, stabbiliti skont l-Artikolu 29 tal-Istatuti tas-SEBĊ, li jkunu jeżistu immedjatament qabel l-emissjoni tal-ishma lill-Membru li jkun qed jaderixxi mal-MES.

ARTIKOLU 43

L-ewwel ħatriet

1. Kull Membru fil-MES għandu jinnomina lill-Gvernatur u s-sostitut Gvernatur tiegħu fi żmien ġimgħatejn mid-dħul fis-seħħ ta’ dan it-Trattat.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar lid-Direttur Maniġerjali u kull Gvernatur għandu jaħtar Direttur u sostitut Direttur fi żmien xharejn mid-dħul fis-seħħ ta’ dan it-Trattat.

KAPITOLU 8

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 44

Adeżjoni

Dan it-Trattat għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni ta’ Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 2 mal-applikazzjoni għall-adeżjoni li kull tali Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jirreġistra mal-MES wara li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta d-deċiżjoni biex itemm id-deroga tiegħu milli jadotta l-euro skont l-Artikolu 140(2) tat-TFUE. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu japprova l-applikazzjoni għall-adeżjoni tal-Membru l-ġdid fil-MES u l-pattijiet tekniċi dettaljati relatati magħha, kif ukoll l-adattamenti li jkollhom isiru f'dan it-Trattat

b’konsegwenza diretta tal-adeżjoni. Wara l-approvazzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi tal-applikazzjoni għas-sħubija, il-Membri ġodda fil-MES għandhom jaderixxu malli jsir id-depożitu tal-istrumenti tal-adeżjoni mad-Depożitorju, li għandu jinnotifika b’dan lill-Membri l-oħra fil-MES.

ARTIKOLU 45

Annessi

L-Annessi ma’ dan il-Trattat, li ġejjin, għandhom jikkostitwixxu parti integrali minnu:

1) Anness I: Il-kjavi ta’ kontribuzzjoni fil-MES; u

2) Anness II: Is-sottoskrizzjonijiet tal-istokk ta’ kapital awtorizzat.

ARTIKOLU 46

Depożitu

Dan it-Trattat għandu jiġi depożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("id-Depożitarju"), li għandu jikkomunika kopji ċertifikati lill-firmatarji kollha.

ARTIKOLU 47

Ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni

1. Dan it-Trattat għandu jkun soġġett għar-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni mill-firmatarji. L-istrumenti ta’ ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni għandhom jiġu depożitati mad-Depożitarju.

2. Id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-firmatarji l-oħrajn b’kull depożitu u bid-data meta dan isir.

ARTIKOLU 48

Dħul fis-seħħ

1. Dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-istrumenti ta’ ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni jiġu depożitati mill-firmatarji li s-sottoskrizzjonijiet inizjali tagħhom jirrappreżentaw mhux anqas minn 90% tas-sottoskrizzjonijiet totali kif stipulat fl-Anness II. Fejn ikun il-każ, il-lista tal-Membri fil-MES għandha tiġi aġġustata; il-kjavi fl-Anness I għandha konsegwentement tiġi kalkulata mill-ġdid u l-istokk ta’ kapital awtorizzat totali fl-Artikolu 8(1) u fl-Anness II u l-valur nominali aggregat totali inizjali tal-ishma mħallsa fl-Artikolu 8(2) għandhom jitnaqqsu skont il-każ.

2. Għal kull firmatajru li sussegwentement jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni, dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tad-depożitu.

3. Għal kull Stat li jaderixxi ma' dan it-Trattat skont l-Artikolu 44, dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell fit-tieni jum ta' Frar fis-sena elfejn u tnax f'oriġinali wieħed, bit-testi tiegħu bl-Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Irlandiż, Taljan, Malti, Portugiż, Slovakk, Sloven, Spjanol u Svediż ugwalment awtentiċi, li għandu jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitarju li għandu jibgħat kopja debitament ċertifikata lil kull Parti Kontraenti.

A 332

ANNESS I

Il-kjavi ta’ kontribuzzjoni fil-MES

Membru fil-MES	**Kjavi tal-MES (%)**
Ir-Renju tal-Belġju	3,4771
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	27,1464
Ir-Repubblika tal-Estonja	0,1860
Ir-Repubblika Ellenika	2,8167
Ir-Renju ta' Spanja	11,9037
Ir-Repubblika Franċiża	20,3859
Ir-Repubblika Taljana	17,9137
Ir-Repubblika ta’ Ċipru	0,1962
Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu	0,2504
Malta	0,0731
Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi	5,7170
Ir-Repubblika tal-Awstrija	2,7834
Ir-Repubblika Portugiża	2,5092
Ir-Repubblika tas-Slovenja	0,4276
Ir-Repubblika Slovakka	0,8240
Ir-Repubblika tal-Finlandja	1,7974
Total	**100,0**

ANNESS II

Is-sottoskrizzjonijiet tal-istokk ta’ kapital awtorizzat

Membru fil-MES	**Għadd ta’ ishma**	**Sottoskrizzjoni kapitali (EUR)**
Ir-Renju tal-Belġju	243 397	24 339 700 000
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	1 900 248	190 024 800 000
Ir-Repubblika tal-Estonja	13 020	1 302 000 000
L-Irlanda	111 454	11 145 400 000
Ir-Repubblika Ellenika	97 169	19 716 900 000
Ir-Renju ta’ Spanja	833 259	83 325 900 000
Ir-Repubblika Franċiża	1 427 013	142 701 300 000
Ir-Repubblika Taljana	1 253 959	125 395 900 000
Ir-Repubblika ta’ Ċipru	13 734	1 373 400 000
Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu	17 528	1 752 800 000
Malta	5 117	511 700 000
Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi	400 190	40 019 000 000
Ir-Repubblika tal-Awstrija	194 838	19 483 800 000
Ir-Repubblika Portugiża	175 644	17 564 400 000
Ir-Repubblika tas-Slovenja	29 932	2 993 200 000
Ir-Repubblika Slovakka	57 680	5 768 000 000
Ir-Repubblika tal-Finlandja	125 818	12 581 800 000
Total	**7 000 000**	**700 000 000 000**

A 334

SKEDA 4

(Artikolu 4)



EUROPEAN COMMISSION
DIRECTORATE GENERAL
ECONOMIC AND FINANCIAL AFFAIRS
Financial stability and monetary affairs
Financial institutions and stability mechanisms
The Head of Unit

DG ECFIN
03 07 2012
ares 803554

Brussels, 3 July 2012

Interpretation of Article 3 of the ESM Treaty

The Commission services have drafted and negotiated the text of the ESM Treaty (in liaison with the EFSF) and are therefore in a position to explain its content and rationale.

The reference in several sections of the Treaty (Article 3, 12 and 13) to the need that the financial stability of the 'euro area as a whole and of its Member States' is at stake to warrant an intervention from the ESM is to be interpreted as allowing ESM actions both in case of difficulties affecting the euro area as a whole or one of its Member States in isolation, whatever its size.

This wording aims specifically at allowing the coverage by the ESM of countries like Malta, whose case has been repeatedly mentioned in the discussions.

Benjamin Angel

Commission européenne/Europese Commissie, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË - Tel. +32 22991111

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 499 tas-6 ta' Lulju, 2012.

MICHAEL FRENDO
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati